# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/104

**tat-22 ta' Mejju 2018**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Konġunt UE-Messiku stabbilit taħt il-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000 u Nru 2/2001 sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikoli 207 u 211, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim Globali") ġie ffirmat fit-8 ta' Diċembru 1997, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000.

(2) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti Messikani għat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim Globali sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (il-"Protokoll").

(3) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess u, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2024 ([2]), il-Protokoll ġie ffirmat fis-27 ta' Novembru 2018..

(4) L-Artikoli 5, 6, 7, 10, u 47 tal-Ftehim Globali jagħtu s-setgħa lill-Kunsill Konġunt UE-Messiku stabbilit taħt l-Artikolu 45 tal-Ftehim Globali (il-"Kunsill Konġunt") biex jieħu deċiżjonijiet bl-għan li jinkisbu l-objettivi tal-Ftehim Globali, u b'mod partikolari biex jiddeċiedi dwar l-arranġamenti xierqa u kalendarju għall-kummerċ f'merkanzija, kummerċ f'servizzi u akkwist pubbliku.

(5) Peress li l-Kroazja hija Parti għall-Ftehim Globali, jenħtieġ li jiġu adattati diversi dispożizzjonijiet ta':

— id-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000 ([3]), kif emendata mid-Deċiżjonijiet Nru 3/2004 ([4]) u Nru 2/2008 ([5]), dwar il-kummerċ ta' merkanzija, iċ-ċertifikazzjoni tal-oriġini u l-akkwist pubbliku; u

— id-Deċiżjoni Nru 2/2001 ([6]), kif emendata mid-Deċiżjonijiet Nru 4/2004 ([7]) u Nru 3/2008 ([8]), sabiex tiġi aġġornata l-lista tal-awtoritajiet responsabbli mis-servizzi finanzjarji u dawk il-miżuri inkonsistenti mal-Artikoli 12 sa 16 tad-Deċiżjoni Nru 2/2001 li l-Kroazja ser iżżomm taħt l-Artikolu 17(3) tagħha.

([1]) ĠU L 276, 28.10.2000, p. 45.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2024 tat-22 ta' Mejju 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku Nru 2/2000 tat-23 ta' Marzu 2000 (ĠU L 157, 30.6.2000, p. 10).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku Nru 3/2004 tad-29 ta' Lulju 2004 li temenda d-Deċizjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000 tat-23 ta' Marzu 2000 (ĠU L 293, 16.9.2004, p. 15).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku Nru 2/2008 tal-25 ta' Lulju 2008 li temenda d-Deċizjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 3/2004 (ĠU L 198, 26.7.2008, p. 55).
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku Nru 2/2001 tas-27 ta' Frar 2001 li timplimenta l-Artikoli 6, 9, 12(2)(b) u 50 tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni (ĠU L 70, 12.3.2001, p. 7).
([7]) Id-Deċiżjoni Nru 4/2004 tal-Kunsill Konġunt UE/Messiku tat-18 ta' Mejju 2005 li temenda d-Deċiżjoni 2/2001 tal-Kunsill Konġunt (ĠU L 192, 22.7.2005, p. 35).
([8]) Id-Deċiżjoni Nru 3/2008 tal-Kumitat Konġunt UE-Messiku tal-15 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 2/2001 tal-Kunsill Konġunt kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 4/2004(ĠU L 137, 3.6.2009, p. 7).

(6) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet mehmużin,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kunsill Konġunt UE-Messiku stabbilit taħt il-Ftehim Globali fir-rigward tal-emendi fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000 u Nru 2/2001 sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt li jinsabu mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill Konġunt jistgħu jaqblu dwar bidliet tekniċi minuri fl-abbozzi tad-Deċiżjonijiet mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. KARANIKOLOV

ABBOZZ 1

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL KONĠUNT UE-MESSIKU Nru 1/2018**

**ta' …**

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 2/2000**

IL-KUNSILL KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim Globali"), u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 10 flimkien mal-Artikolu 47 tiegħu,

Billi:

(1) Wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja ("il-Kroazja") mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013, it-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim Globali ġie ffirmat fi …, il-… u sar applikabbli minn …. ([*])

(2) Fid-dawl ta' dak, jenħtieġ li jiġu adattati, b'effett mid-data li fiha l-Kroazja aċċediet għall-Ftehim Globali, ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 ([2]), kif emendata mid-Deċiżjonijiet Nru 3/2004 ([3]) u Nru 2/2008 ([4]), li jikkonċernaw il-kummerċ f'merkanzija, iċ-ċertifikazzjoni tal-oriġini u l-akkwist pubbliku.

(3) L-Artikoli 5, 6, 7, 10, u 47 tal-Ftehim Globali jagħtu s-setgħa lill-Kunsill Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 45 tal-Ftehim Globali biex jieħu deċiżjonijiet bl-għan li jinkisbu l-objettivi tal-Ftehim Globali, u b'mod partikolari biex jiddeċiedi dwar l-arranġamenti xierqa u kalendarju relattivament għall-kummerċ f'merkanzija, kummerċ f'servizzi u akkwist pubbliku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 huwa emendat kif stipulat fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

2. Dan l-Artikolu ma jaffettwax il-kontenut tal-klawżola ta' rieżami stabbilita fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 2/2000.

*Artikolu 2*

L-Artikoli 17(4) u 18(2) u l-Appendiċi IV tal-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 huma emendati kif stipulat fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

1. L-entitajiet tal-Kroazja elenkati fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni jiżdiedu mat-taqsimiet rilevanti tal-Parti B tal-Anness VI tad-Deċiżjoni Nru 2/2000.

2. Il-pubblikazzjonijiet tal-Kroazja elenkati fl-Anness IV ta' din id-Deċiżjoni jiżdiedu mal-Parti B tal-Anness XIII tad-Deċiżjoni Nru 2/2000.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 276, 28.10.2000, p. 45.
([*]) ĠU: daħħal il-post u d-data tal-iffirmar u u d-data tal-applikazzjoni tal-Protokoll li jinsab fid-dokument ST 15410/17.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku Nru 2/2000 tat-23 ta' Marzu 2000 (ĠU L 157, 30.6.2000, p. 10).
([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku Nru 3/2004 tad-29 ta' Lulju 2004 li temenda d-Deċizjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000 tat-23 ta' Marzu 2000 (ĠU L 293, 16.9.2004, p. 15).
([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku Nru 2/2008 tal-25 ta' Lulju 2008 li temenda d-Deċizjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 3/2004 (ĠU L 198, 26.7.2008, p. 55).

Hija għandha tapplika b'effett mid-data li fiha l-Kroazja aċċediet għall-Ftehim Globali.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill Konġunt*
*Il-President*

*ANNESS I*

SKEDA TA' ELIMINAZZJONI TA' TARIFFI TAL-KOMUNITÀ

Dan li ġej jiddaħħal fl-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 2/2000:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwantità tal-kwota tariffarja annwali | Rata tad-dazju tal-kwota tariffarja |
|---|---|---|---|
| "0803 00 19 | Banana, friska (minbarra pjantaġġini) | 2 010 tunnellati (*) | EUR 70/tunnellata |

(*) Din il-kwota tariffarja annwali għandha tkun miftuħa mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja. Madankollu, hija għandha tiġi applikata għall-ewwel darba mit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.".

*ANNESS II*

VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI ĠODDA TA' RIMARKI AMMINISTRATTIVI U D-"DIKJARAZZJONI FUQ IL-FATTURA" FL-ANNESS III TAD-DEĊIŻJONI Nru 2/2000

L-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv iridu jkunu annotati b'waħda minn dawn il-frażijiet li ġejjin:

BG "ИЗДАДЕН ВПОСЛЕДСТВИЕ"

ES "EXPEDIDO A POSTERIORI"

CS "VYSTAVENO DODATEČNE"

DA "UDSTEDT EFTERFØLGENDE"

DE "NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT"

ET "TAGANTJÄRELE VÄLJA ANTUD"

EL "ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ"

EN "ISSUED RETROSPECTIVELY"

FR "DÉLIVRÉ A POSTERIORI"

HR "NAKNADNO IZDANO"

IT "RILASCIATO A POSTERIORI"

LV "IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI"

LT "RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS"

HU "KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL"

MT "MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT"

NL "AFGEGEVEN A POSTERIORI"

PL "WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE"

PT "EMITIDO A POSTERIORI"

RO "EMIS A POSTERIORI"

SK "VYDANÉ DODATOČNE"

SL "IZDANO NAKNADNO"

FI "ANNETTU JÄLKIKÄTEEN"

SV "UTFÄRDAT I EFTERHAND"";

(2) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Id-duplikat maħruġ skont il-paragrafu 1 irid ikun annotat b'waħda mill-kelmiet li ġejjin:

BG "ДУБЛИКАТ"

ES "DUPLICADO"

CS "DUPLIKÁT"

DA "DUPLIKAT"

DE "DUPLIKAT"

ET "DUPLIKAAT"

EL "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ"

EN "DUPLICATE"

FR "DUPLICATA"

HR "DUPLIKAT"

IT "DUPLICATO"

LV "DUBLIKĀTS"

LT “DUBLIKATAS”

HU “MÁSODLAT”

MT “DUPLIKAT”

NL “DUPLICAAT”

PL “DUPLIKAT”

PT “SEGUNDA VIA”

RO ‘DUPLICAT’

SK “DUPLIKÁT”

SL “DVOJNIK”

FI “KAKSOISKAPPALE”

SV “DUPLIKAT””;

(3) dan li ġej jiżdied mal-Appendiċi IV wara l-verżjoni Franċiża:

“Verżjoni Kroata

Izvoznik proizvoda obuhvaćenih ovom ispravom (carinsko ovlaštenje br. … ([1])) izjavljuje da su, osim ako je drukčije izričito navedeno, ovi proizvodi … ([2]) preferencijalnog podrijetla.

([1]) Meta d-dikjarazzjoni fuq il-fattura ssir minn esportatur approvat skont it-tifsira tal-Artikolu 21 ta’ dan l-Anness, in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-esportatur approvat irid jitniżżel f’dan l-ispażju.

([2]) Meta d-dikjarazzjoni fuq il-fattura ma ssirx minn esportatur approvat, il-kliem fil-parenteżi għandu jitħalla barra jew l-ispazju jitħalla vojt. L-oriġini tal-prodotti trid tiġi indikata. Meta d-dikjarazzjoni fuq il-fattura tirrigwarda, kompletament jew parzjalment, prodotti li joriġinaw f’Ceuta u Melilla, skont is-sens tal-Artikolu 37 ta’ dan l-Anness, l-esportatur irid jindikahom b’mod ċar fid-dokument li fih issir id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu “CM”.”.

*ANNESS III*

ENTITAJIET TAL-GVERN ĊENTRALI

1. L-entitajiet tal-gvern ċentrali li ġejjin jiżdiedu mat-Taqsima 1 tal-Parti B tal-Anness VI tad-Deċiżjoni Nru 2/2000:

"AC – Il-Kroazja

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-Parlament Kroat | *Hrvatski Sabor* |
| 2 | Il-President tar-Repubblika tal-Kroazja | *Predsjednik Republike Hrvatske* |
| 3 | L-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika tal-Kroazja | *Ured predsjednika Republike Hrvatske* |
| 4 | L-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika tal-Kroazja wara l-iskadenza tat-terminu tal-uffiċċju | *Ured predsjednika Republike Hrvatske po prestanku obnašanja dužnosti* |
| 5 | Il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja | *Vlada Republike Hrvatske* |
| 6 | L-Uffiċċji tal-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja | *uredi Vlade Republike Hrvatske* |
| 7 | Il-Ministeru tal-Ekonomija | *Ministarstvo gospodarstva* |
| 8 | Il-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fondi tal-UE | *Ministarstvo regionalnoga razvoja i fondova Europske unije* |
| 9 | Il-Ministeru tal-Finanzi | *Ministarstvo financija* |
| 10 | Il-Ministeru tad-Difiża | *Ministarstvo obrane* |
| 11 | Il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej | *Ministarstvo vanjskih i europskih poslova* |
| 12 | Il-Ministeru tal-Intern | *Ministarstvo unutarnjih poslova* |
| 13 | Ministeru tal-Ġustizzja | *Ministarstvo pravosuđa* |
| 14 | Il-Ministeru tal-Amministrazzjoni Pubblika | *Ministarstvo uprave* |
| 15 | Il-Ministeru tal-Imprenditorija u l-Artiġjanat | *Ministarstvo poduzetništva i obrta* |
| 16 | Il-Ministeru tax-Xogħol u s-Sistema tal-Pensjonijiet | *Ministarstvo rada i mirovinskoga sustava* |
| 17 | Il-Ministeru għall-Affarijiet Marittimi, it-Trasport u l-Infrastruttura | *Ministarstvo pomorstva, prometa i infrastrukture* |
| 18 | Il-Ministeru tal-Agrikoltura | *Ministarstvo poljoprivrede* |
| 19 | Il-Ministeru tat-Turiżmu | *Ministarstvo turizma* |
| 20 | Il-Ministeru tal-Ħarsien Ambjentali u tan-Natura | *Ministarstvo zaštite okoliša i prirode* |
| 21 | Il-Ministeru tal-Kostruzzjoni u l-Ippjanar Fiżiku | *Ministarstvo graditeljstva i prostornoga uređenja* |
| 22 | Il-Ministeru għall-Affarijiet tal-Veterani | *Ministarstvo branitelja* |
| 23 | Il-Ministeru tal-Politika Soċjali u ż-Żgħażagħ | *Ministarstvo socijalne politike i mladih* |
| 24 | Il-Ministeru tas-Saħħa | *Ministarstvo zdravlja* |
| 25 | Il-Ministeru tax-Xjenza, l-Edukazzjoni u l-Isport | *Ministarstvo znanosti, obrazovanja i sporta* |
| 26 | Il-Ministeru tal-Kultura | *Ministarstvo kulture* |
| 27 | L-organizzazzjonijiet amministrattivi tal-istat | *državne upravne organizacije* |

| | | |
|---|---|---|
| 28 | L-Uffiċċji tal-amministrazzjoni tal-istat tal-kontea | *uredi državne uprave u županijama* |
| 29 | Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Kroazja | *Ustavni sud Republike Hrvatske* |
| 30 | Il-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Kroazja | *Vrhovni sud Republike Hrvatske* |
| 31 | Il-Qrati | *sudovi* |
| 32 | Il-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat | *Državno sudbeno vijeće* |
| 33 | L-Uffiċċji tal-Avukat tal-Istat | *državna odvjetništva* |
| 34 | Il-Kunsill tal-Prosekutur tal-Istat | *Državno odvjetničko vijeće* |
| 35 | L-uffiċċji tal-Ombudsman; | *pravobraniteljstva* |
| 36 | Il-Kummissjoni tal-Istat għas-Superviżjoni tal-Proċeduri tal-Akkwist Pubbliku | *Državna komisija za kontrolu postupaka javne nabave* |
| 37 | Il-Bank Nazzjonali Kroat | *Hrvatska narodna banka* |
| 38 | Aġenziji u uffiċċji tal-Istat | *državne agencije i uredi* |
| 39 | L-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat' | *Državni ured za reviziju*". |

2. Il-korpi u kategoriji ta' korpi li ġejjin jiżdiedu mal-Ehmża tat-Taqsima 2 tal-Parti B tal-Anness VI tad-Deċiżjoni Nru 2/2000:

"(a) Anness I

'PRODUZZJONI, TRASPORT U DISTRIBUZZJONI TA' ILMA GĦAX-XORB':

'IL-KROAZJA

Impriżi pubbliċi li huma entitajiet kontraenti msemmija fl-Artikolu 6 taż-Zakon o javnoj nabavi (Narodne novine broj 90/11, 83/13, 143/13 i 13/14) (l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku, Gazzetta Uffiċjali Nru 90/11, 83/13, 143/13 u 13/14) li, skont regoli speċjali jeżerċitaw l-attività ta' kostruzzjoni (tqegħid għad-dispożizzjoni) ta' netwerks fissi jew il-ġestjoni ta' netwerks fissi għall-forniment ta' servizz pubbliku fir-rigward ta' produzzjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni ta' ilma tax-xorb u l-provvista bl-ilma tax-xorb lil netwerks fissi; bħall-entitajiet stabbiliti mill-unitajiet tal-awtogvern lokali li jaġixxu bħala l-fornitur pubbliku tas-servizzi tal-provvista tal-ilma jew tas-servizzi tad-dranaġġ skont l-Att dwar l-Ilma (il-Gazzetta Uffiċjali 153/09, 63/11, 130/11, 53/13 u 14/14).';

(b) Anness II

'PRODUZZJONI, TRASPORT U DISTRIBUZZJONI TAL-ELETTRIKU':

'IL-KROAZJA

Impriżi pubbliċi li huma entitajiet kontraenti msemmija fl-Artikolu 6 taż-Zakon o javnoj nabavi (Narodne novine broj 90/11, 83/13, 143/13 i 13/14) (l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku, Gazzetta Uffiċjali Nru 90/11, 83/13, 143/13 u 13/14) li, skont regoli speċjali jeżerċitaw l-attività ta' kostruzzjoni (tqegħid għad-dispożizzjoni) ta' netwerks fissi jew il-ġestjoni ta' netwerks fissi għall-forniment ta' servizz pubbliku fir-rigward ta' produzzjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni ta' enerġija tal-elettriku u l-provvista bl-enerġija tal-elettriku lil netwerks fissi; bħall-entitajiet li jeżerċitaw fl-imsemmija attivitajiet abbażi ta' Liċenzja biex iwettqu attivitajiet tal-enerġija skont l-Att dwar l-Enerġija (il-Gazzetta Uffiċjali 120/12 u 14/14).';

(c) Anness VII

'ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' SERVIZZI TAL-FERROVIJA URBANA, TAT-TRAMM, TAT-TROLLEYBUS JEW TAL-LINJA':

'IL-KROAZJA

Impriżi pubbliċi li huma entitajiet kontraenti msemmija fl-Artikolu 6 taż-Zakon o javnoj nabavi (Narodne novine broj 90/11, 83/13, 143/13 i 13/14) (l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku, Gazzetta Uffiċjali Nru 90/11, 83/13, 143/13 u 13/14) li skont regoli speċjali, jeżerċitaw l-attività li jagħmlu disponibbli n-netwerks jew li jiġestixxu n-netwerks għas-servizzi pubbliċi ta' trasport bil-ferrovija urbana, sistemi awtomatizzati, tram, karozza tal-linja, trolleybus u funikular, bħall-entitajiet li jeżerċitaw l-attivitajiet imsemmija bħala servizz pubbliku skont l-Att dwar l-Utilitajiet (il-Gazzetta Uffiċjali 36/95, 70/97, 128/99, 57/00, 129/00, 59/01, 26/03, 82/04, 110/04, 178/04, 38/09, 79/09, 153/09, 49/11, 84/11, 90/11, 144/12, 94/13, 153/13 u 147/14).';

(d) Anness VIII

'ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TAL-FAĊILITAJIET TAL-AJRUPORT':

'IL-KROAZJA

L-impriżi pubbliċi li huma awtoritajiet kontraenti msemmija fl-Artikolu 6 taċ-Zakon o javnoj nabavi (Narodne novine broj 90/11, 83/13, 143/13 i 13/14) (Att dwar l-Akkwist Pubbliku, il-Gazzetta Uffiċjali Nru 90/11, 83/13, 143/13 u 13/14) li, skont regoli speċjali, jeżerċitaw attività marbuta mal-isfruttament ta' żona ġeografika, bil-għan li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-operaturi tat-trasport bl-ajru ajruporti u tagħmir ieħor ta' terminals, bħall-entitajiet involuti f'attivitajiet imsemmija abbażi ta' konċessjonijiet mogħtija skont l-Att dwar l-Ajruporti (il-Gazzetta Uffiċjali 19/98 u 14/11).';

(e) Anness IX

'ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TAL-FAĊILITAJIET TA' PORT MARITTIMU JEW INTERN JEW TA' TERMINALI OĦRA':

'IL-KROAZJA

Impriżi pubbliċi li huma entitajiet kontraenti msemmijin fl-Artikolu 6 taċ-Zakon o javnoj nabavi (Narodne novine broj 90/11, 83/13, 143/13 i 13/14) (Att dwar l-Akkwist Pubbliku, Gazzetta Uffiċjali Nru 90/11, 83/13, 143/13 u 13/14) li, skont regoli speċjali, huma involuti f'attivitajiet li jirrigwardaw l-isfruttament ta' żona ġeografika bil-għan li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-operaturi tat-trasport bil-baħar jew bix-xmara portijiet tal-baħar, portijiet tax-xmajjar u terminals oħra tat-trasport; bħall-entitajiet involuti f'attivitajiet imsemmija abbażi ta' għoti ta' konċessjonijiet skont l-Att dwar il-Qasam Marittimu u l-Portijiet tal-Baħar(il-Gazzetta Uffiċjali 158/03, 100/04, 141/06 u 38/09).'.

*ANNESS IV*

PUBBLIKAZZJONIJIET

Dan li ġej jiżdied mal-Parti B tal-Anness XIII tad-Deċiżjoni Nru 2/2000:

"Il-Kroazja

Avviżi:

— *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

— Narodne Novine

— Reklamar Elettroniku tal-Akkwist Pubbliku tar-Repubblika tal-Kroazja (https://eojn.nn.hr/Oglasnik/clanak/electronic-public-procurement-of-the-republic-of-croatia/0/81/)".

ABBOZZ 2

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL KONĠUNT UE-MESSIKU Nru 2/2018**

**ta' …**

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 2/2001**

IL-KUNSILL KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim Globali"), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 flimkien mal-Artikolu 47 tiegħu,

Billi:

(1) Wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja ("il-Kroazja") mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013, it-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim Globali ġie ffirmat fi …, il-… u sar applikabbli minn … ([*]).

(2) Fid-dawl ta' dak, jenħtieġ li jiġu adattati, b'effett mid-data li fiha l-Kroazja aċċediet għall-Ftehim Globali, l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni Nru 2/2001 ([2]), kif emendata mid-Deċiżjonijiet Nru 4/2004 ([3]) u Nru 3/2008 ([4]), sabiex jiġu aġġornati l-awtoritajiet responsabbli mis-servizzi finanzjarji u dawk il-miżuri inkonsistenti mal-Artikoli 12 sa 16 tad-Deċiżjoni Nru 2/2001 li l-Kroazja ser iżżomm sa meta jiġi implimentat l-Artikolu 17(3) tagħha.

(3) Dan l-adattament joffri wkoll l-okkażjoni sabiex tiġi aġġornata l-lista tal-awtoritajiet responsabbli mis-servizzi finanzjarji, stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2001 tas-27 ta' Frar 2001, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 4/2004 tat-18 ta' Mejju 2005 u Nru 3/2008 tal-15 ta' Diċembru 2008,

(4) L-Artikoli 5, 6, 7, 10, u 47 tal-Ftehim Globali jagħtu s-setgħa lill-Kunsill Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 45 tal-Ftehim Globali biex jieħu deċiżjonijiet bl-għan li jinkisbu l-objettivi tal-Ftehim Globali, u b'mod partikolari biex jiddeċiedi dwar l-arranġamenti xierqa u kalendarju għall-kummerċ f'merkanzija, kummerċ f'servizzi u akkwist pubbliku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Parti A tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 2/2001, kif emendata mid-Deċiżjonijiet Nru 4/2004 u Nru 3/2008, hija sostitwita bit-test li jinsab fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Partijiet A u B tal-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2/2001, kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 4/2004 u Nru 3/2008, huma sostitwiti bit-test li jinsab fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 276, 28.10.2000, p. 45.
([*]) ĠU: daħħal il-post u d-data tal-iffirmar u u d-data tal-applikazzjoni tal-Protokoll li jinsab fid-dokument ST 15410/17.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku Nru 2/2001 tas-27 ta' Frar 2001 li timplimenta l-Artikoli 6, 9, 12(2)(b) u 50 tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni (ĠU L 70, 12.3.2001, p. 7).
([3]) Deċiżjoni Nru 4/2004 tal-Kunsill Konġunt UE/Messiku tat-18 ta' Mejju 2005 li temenda d-Deċiżjoni 2/2001 tal-Kunsill Konġunt (ĠU L 192, 22.7.2005, p. 35).
([4]) Deċiżjoni Nru 3/2008 tal-Kumitat Konġunt UE-Messiku tal-15 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 2/2001 tal-Kunsill Konġunt kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 4/2004 (ĠU L 137, 3.6.2009, p. 7).

Hija għandha tapplika mid-data li fiha l-Kroazja aċċediet għall-Ftehim Globali.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill Konġunt*
*Il-President*

*ANNESS I*

"*ANNESS I*

PARTI A

IL-KOMUNITÀ U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA

1. L-applikazzjoni tal-Kapitolu III għall-Komunità u l-Istati Membri tagħha hija suġġetta għal-limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali skedat mill-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fit-taqsimiet 'is-setturi kollha' tal-iskedi GATS tagħhom u għal dawk li għandhom x'jaqsmu mas-subsetturi elenkati hawn taħt.

2. It-taqsiriet li ġejjin jintużaw biex jindikaw l-Istati Membri:

   AT L-Awstrija

   BE Il-Belġju

   BG: Il-Bulgarija

   CY Ċipru

   CZ Ir-Repubblika Ċeka

   DE Il-Ġermanja

   DK Id-Danimarka

   ES Spanja

   EE L-Estonja

   FI Il-Finlandja

   FR Franza

   EL Il-Greċja

   HR Il-Kroazja

   HU L-Ungerija

   IE L-Irlanda

   IT L-Italja

   LV Il-Latvja

   LT Il-Litwanja

   LU Il-Lussemburgu

   MT Malta

   NL In-Netherlands

   PL Il-Polonja

   PT Il-Portugall

   RO Ir-Rumanija

   SK Ir-Repubblika Slovakka

   SI Is-Slovenja

   SE L-Iżvezja

   UK Ir-Renju Unit

3. L-impenji ta' aċċess għas-suq f'dak li għandu x'jaqsam mal-modalitajiet (1) u (2) japplikaw biss għal:

   — it-tranżazzjonijiet indikati fil-paragrafi B.3 u B.4 tal-'Fehim dwar l-Impenji fis-Servizzi Finanzjarji' (il-'Fehim') għall-Istati Membri kollha rispettivament;

   — it-tranżazzjonijiet speċifikati hawn taħt, b'referenza għad-definizzjonijiet tal-Artikolu 11, għal kull Stat Membru konċernat:

     BG: A.1 (a) (assigurazzjoni fuq il-ħajja) u l-parti li jifdal ta' A.1 (b) (assigurazzjoni li la hija fuq il-ħajja u lanqas hija MAT - marittima, tal-avjazzjoni u trasport ieħor) fil-modalitajiet (1) u (2);

CY A.1.(a) (assigurazzjoni fuq il-ħajja) u l-parti li jifdal minn A.1.(b) (assigurazzjoni li la hija fuq il-ħajja, u lanqas hija MAT - marittima, tal-avjazzjoni u trasport ieħor) fil-modalità (2), B.6.(e) (kummerċ ta' titoli trasferibbli) fil-modalità (1);

EE A.1.(a) (assigurazzjoni fuq il-ħajja) u l-parti li jifdal minn A.1.(b) (assigurazzjoni li la hija fuq il-ħajja u lanqas MAT) u li jifdal ta' parti minn A 3. (intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni mhux MAT) fil-modalitajiet (1) u (2), B.1. sa B.10. (aċċettazzjoni ta' depożiti, self ta' kull tip, lokazzjoni finanzjarja, is-servizzi kollha relatati mat-trasmissjoni ta' ħlasijiet u ta' flus, garanziji u impenji, kummerċ ta' titoli, parteċipazzjoni fi ħruġ ta' kull xorta ta' titoli, senserija ta' flus, immaniġġjar tal-assi, u servizzi ta' saldu u kklerjar għal assi finanzjarji) fil-modalità (1);

LV: A.1.(a) (assigurazzjoni fuq il-ħajja) u l-parti li jifdal minn A.1.(b) (assigurazzjoni li la hija fuq il-ħajja u lanqas MAT) u li jifdal ta' parti minn A 3. (intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni mhux MAT) fil-modalità (2), B.7. (parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull xorta ta' titoli) fil-modalità (1);

LT: A.1.(a) (assigurazzjoni fuq il-ħajja) u l-parti li jifdal minn A.1.(b) (assigurazzjoni li la hija fuq il-ħajja u lanqas MAT) u li jifdal ta' parti minn A 3. (intermedjazzjoni tal-assigurazzjoi mhux MAT) fil-modalità (2), B.1. sa B.10. (aċċettazzjoni ta' depożiti, self ta' kull tip, lokazzjoni finanzjarja, is-servizzi kollha relatati mat-trasmissjoni ta' ħlasijiet u ta' flus, garanziji u impenji, kummerċ ta' titoli, parteċipazzjoni fi ħruġ ta' kull xorta ta' titoli, senserija ta' flus, immaniġġjar tal-assi, u servizzi ta' saldu u kklerjar għal assi finanzjarji) fil-modalità (1);

MT: A.1.(a) (assigurazzjoni fuq il-ħajja), u l-parti li jifdal minn A.1.(b) (assigurazzjoni li la hija fuq il-ħajja u lanqas MAT) fil-modalità (2), B.1. u B.2. (aċċettazzjoni ta' depożiti u self ta' kull tip) fil-modalità (1);

RO: B.1. (aċċettazzjoni ta' depożiti) B.2. (self ta' kull tip), B.4 (is-servizzi kollha ta' trażmissjoni ta' ħlasijiet u ta' flus) B.5. (garanziji u impenji) u B. 8 (senserija ta' flus) fil-modalità (1);

SI: B.1. sa B.10. (aċċettazzjoni ta' depożiti, self ta' kull tip, lokazzjoni finanzjarja, is-servizzi kollha ta' trasmissjoni ta' ħlasijiet u ta' flus, garanziji u impenji, negozjar ta' titoli, parteċipazzjoni fi ħruġ ta' kull xorta ta' titoli, senseriji ta' flus, immaniġġjar tal-assi, u servizzi ta' saldu u kklerjar għal assi finanzjarji) fil-modalità (1).

4. Differenti mis-sussidjarji barranin, il-fergħat stabbiliti direttament fl-Istat Membru minn istituzzjoni finanzjarja Messikana ma humiex, b'ċerti eċċezzjonijiet limitati, suġġetti għar-regolamenti prudenzjali armonizzati fuq livell ta' Komunità li jħallu lil dawn is-sussidjarji jibbenefikaw minn faċilitajiet aħjar biex iwaqqfu stabbilimenti ġodda u jipprovdu servizzi transfruntiera f'kull parti tal-Komunità. Għaldaqstant, dawn il-fergħat jirċievu awtorizzazzjoni sabiex joperaw fit-territorju ta' Stat Membru bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-istituzzjonijiet finanzjarji domestiċi ta' dak l-Istat Membru, u jistgħu jkunu meħtieġa jissoddisfaw għadd ta' kundizzjonijiet prudenzjali speċifiċi bħal, fil-każ ta' servizzi bankarji jew ta' titoli, kapitalizzazzjoni separata u rekwiżiti oħra ta' solvenza, u rekwiżiti ta' rapportar u pubblikazzjoni tal-kontijiet, jew fil-każ tal-assigurazzjoni, rekwiżiti speċifiċi ta' garanzija u ta' depożiti, kapitalizzazzjoni separata, u l-lokalizzazzjoni fl-Istat Membru konċernat tal-assi li jirrappreżentaw ir-riżervi tekniċi u mill-inqas terz tal-marġini tas-solvenza. L-Istati Membri jistgħu japplikaw ir-restrizzjonijiet indikati f'din l-iskeda biss fir-rigward tal-istabbiliment dirett minn preżenza kummerċjali Messikana jew ta' forniment ta' servizzi transfruntiera mill-Messiku; konegwentement, Stat Membru partikolari ma jistax japplika dawn ir-restrizzjonijiet, inklużi dawk dwar l-istabbiliment, għal sussidjarji Messikani stabbiliti fi Stati Membri oħra tal-Komunità, għajr jekk dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu wkoll jiġu applikati għal kumpaniji jew ċittadini ta' Stati Membri oħra skont il-liġi tal-Komunità.

5. BG: L-ammissjoni fis-suq ta' servizzi jew prodotti finanzjarji ġodda tista' tkun suġġetta għall-eżistenza u l-konsistenza ma' qafas regolatorju maħsub biex jilħaq l-objettivi msemmija fl-Artikolu 19.

6. BG: Attivitajiet bankarji jew ta' assigurazzjoni, kif ukoll in-negozjar tat-titoli u attivitajiet relatati magħhom, għandhom jitwettqu b'mod separat minn kumpaniji liċenzjati biex jipprovdu dawn is-servizzi.

7. BG: Bħala regola ġenerali, b'mod mhux diskriminatorju, istituzzjonijiet finanzjarji li jinkorporaw fil-Bulgarija jridu jadottaw il-forma ġuridiċi ta' kumpaniji b'ishma konġunti.

8. CY Il-kondizzjonijiet u l-kwalifikazzjonijiet ġenerali li ġejjin jkunu japplikaw, ukoll meta l-ebda limitazzjonijiet jew kondizzjonijiet ma jkunu mniżżla fl-iskeda.

(i) Il-konsiderazzjoni tal-objettivi tas-sigurtà nazzjonali u tal-politika pubblika;

(ii) Din l-iskeda bl-ebda mod m'hija relatata mas-servizzi pprovduti fit-twettiq tal-funzjonijiet tal-gvern. Ukoll, ma taffettwax miżuri li jikkonċernaw il-kummerċ fi prodotti li jistgħu jikkostitwixxu kontribut lejn servizz skedat jew servizzi oħra. Barra minn hekk, limitazzjonijiet fuq aċċess għas-suq jew trattament nazzjonali fir-rigward ta' servizzi li jistgħu jikkostitwixxu kontributi lejn servizz skedat jew jintużaw biex jissupplixxuh, għandhom ikomplu japplikaw.

9. CY Il-liġijiet u r-regolamenti msemmija f'din l-iskeda ma għandhomx jiġu interpretati bħala referenza eżawrjenti għal-liġijiet kollha u r-regolamenti li jirregolaw is-settur finanzjarju. It-trasferiment, pereżempju, ta' tagħrif li fih dejta personali, sigriet tal-bank, jew kwalunkwe sigriet ta' negozju mhuwiex permess. Tali trasferiment huwa soġġett għal liġijiet domestiċi dwar il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' tagħrif ta' konsumaturi tal-banek. Barra dan, huwa nnutat li miżuri kwalitattivi li ma humiex diskriminatorji relatati mal-istandards tekniċi, mas-saħħa pubblika u mal-konsiderazzjonijiet ambjentali, mal-liċenzjar, mal-konsiderazzjoni prudenzjali, il-kwalifiki professjonali u r-rekwiżiti ta' kompetenza ma ġewx elenkati bħala kondizzjonijiet jew limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali.

10. CY Servizzi u prodotti finanzjarji mhux regolati u l-ammissjoni għas-suq ta' servizzi u prodotti finanzjarji ġodda, jistgħu jkunu soġġetti għall-eżistenza jew l-introduzzjoni ta' qafas regolatorju maħsub biex jilħaq l-objettivi msemmija fl-Artikolu 19.

11. CY Minħabba l-kontrolli fuq il-kambju mħaddma f'Ċipru:

— residenti mhumiex permessi jakkwistaw servizzi bankarji li jistgħu jinvolvu trasferiment ta' fondi fl-esteru, filwaqt li jkunu fiżikament fl-esteru;

— self lil persuni mhux residenti/barranin jew lil kumpaniji kontrollati minn persuni mhux residenti jirrikjedi approvazzjoni mill-Bank Ċentrali;

— xiri ta' titoli minn persuni mhux residenti wkoll jirrikjedi permess mill-Bank Ċentrali;

— negozjar fi flus barranin jista' jitwettaq biss permezz ta' banek li ngħatalhom l-istat ta' "Aġent Awtorizzat" mill-Bank Ċentrali.

12. CZ: L-ammissjoni fis-suq ta' servizzi u strumenti finanzjarji ġodda jista' jkun suġġett għall-eżistenza u l-konsistenza mal-qafas regolatorju domestiku maħsub biex jilħaq l-objettivi msemmija fl-Artikolu 19.

13. CZ: Bħala regola ġenerali u b'mod mhux diskriminatorju, istituzzjonijiet finanzjarji inkorporati fir-Repubblika Ċeka jridu jadottaw forma ġuridika speċifika.

14. CZ: Assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà lejn terzi għall-vetturi hija pprovduta minn fornitur esklusiv. Meta d-drittijiet ta' monopolju dwar l-assigurazzjoni obbligatorja ta' vetturi li jkopru r-responsabbiltà lejn terzi jitneħħew, il-forniment ta' dan is-servizz jinfetaħ fuq bażi mhux diskriminatorja għall-forniturі tas-servizzi stabbiliti fir-Repubblika Ċeka. L-assigurazzjoni obbligatorja tas-saħħa hija fornuta biss minn fornituri Ċeki liċenzjati.

15. EE Servizzi obbligatorji tas-sigurtà soċjali ma humiex impenjati.

16. HR: Servizzi ta' assigurazzjoni u bankarji għandhom jitwettqu minn kumpaniji ġuridikament separati. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni, il-banek għandhom permess li jipparteċipaw direttament f'attivitajiet relatati ma' negozjar ta' titoli.

17. HU: L-ammissjoni fis-suq ta' servizzi jew prodotti finanzjarji ġodda tista' tkun suġġetta għall-eżistenza u l-konsistenza ma' qafas regolatorju maħsub biex jilħaq l-objettivi msemmija fl-Artikolu 19.

18. HU: Mhux permess it-trasferiment ta' tagħrif li jinkludi dejta personali, sigrieti bankarji, sigrieti ta' titoli u/jew sigrieti oħra kummerċjali.

19. HU: Bħala regola ġenerali u b'mod mhux diskriminatorju, istituzzjonijiet finanzjarji inkorporati fl-Ungerija jridu jadottaw forma ġuridika speċifika.

20. HU: Servizzi ta' assigurazzjoni, ta' operat ta' bank, ta' titoli u ta' mmaniġjar ta' investiment kollettiv għandhom jitwettqu minn fornituri ta' servizzi finanzjarji ġuridikament separati u kapitalizzati indipendentement.

21. MT: Għal impenji tal-modalità (3), skont il-leġislazzjoni dwar il-kontroll tal-kambju, persuni li ma humiex residenti li jixtiequ jipprovdu xi servizzi permezz tar-reġistrazzjoni ta' kumpanija lokali jistgħu jagħmlu dan bil-permess minn qabel tal-Bank Ċentrali ta' Malta. Kumpaniji li fihom sehem ta' persuni kemm fiżiċi kif ukoll ġuridiċi li mhumiex residenti f'Malta jeħtieġu kapital azzjonarju minimu ta' Lm10,000 (lira Maltija) li 50 % minnhom iridu jkunu miżlusa. Il-perċentwal tal-parteċipazzjoni fl-ekwità ta' persuni mhux residenti jrid jitħallas permezz ta' fondi li joriġinaw minn barra l-pajjiż. Kumpaniji b'sehem ta' persuni li mhumiex residenti jridu japplikaw għal permess mill-Ministeru tal-Finanzi biex jiksbu proprjetà skont il-leġislazzjoni xierqa.

22. MT: Għal impenji tal-modalità (4), ir-rekwiżiti tal-liġijiet u r-regolamenti Maltin dwar id-dħul, is-soġġorn, l-akkwist ta' proprjetà immobbli, ix-xogħol u s-sigurtà soċjali għandhom ikomplu japplikaw, inklużi r-regoli dwar it-tul tas-soġġorn, il-paga minima kif ukoll il-ftehim kollettivi dwar il-pagi. Id-dħul, ix-xogħol u l-permessi tar-residenza jinħarġu skont id-diskrezzjoni tal-Gvern ta' Malta.

23. MT: Għal impenji tal-modalità (1) u (2), il-liġijiet dwar il-kontroll tal-kambju jippermettu lir-residenti jittrasferixxu barra l-pajjiż kull sena għal investimenti f'portafoll sa Lm 5,000. Ammonti li jaqbżu l-Lm5,000 huma suġġetti għall-permess tal-kontroll tal-kambju.

24. MT: Ir-residenti jistgħu jissellfu minn barra l-pajjiż mingħajr il-ħtieġa ta' approvazzjoni ta' kontroll tal-kambju jekk is-self ikun għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet snin. Tali self irid minkejja dan ikun irreġistrat mal-Bank Ċentrali.

25. PL: Fil-Polonja, ir-regoli prudenzjali fis-settur finanzjarju qegħdin jiġu elaborati. Jistgħu jirrikjedu tibdil tar-regoli li jeżistu bħalissa kif ukoll tħejjija ta' liġijiet ġodda.

26. RO: L-istabbiliment u l-attività ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni huma suġġetti għall-awtorizzazjoni mill-korp ta' sorveljanza tal-Attività tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni. L-istabbiliment u l-attività tal-kumpaniji bankarji huma suġġetti għall-awtorizzazjoni mill-bank Ċentrali tar-Rumanija. L-istabbiliment u l-attività tal-entitajiet relatati mas-suq tat-titoli (persuni fiżiċi jew ġuridiċi, skont il-każ) huma suġġetti għall-awtorizzazjoni mill-Kummissjoni Nazzjonali tat-Titoli tar-Rumanija (NSC). Wara l-istabbiliment ta' preżenza kummerċjali, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom iwettqu t-tranżazzjonijiet tagħhom ma' residenti fil-munita nazzjonali tar-Rumanija biss.

27. SK: L-ammissjoni fis-suq ta' servizzi u strumenti finanzjarji ġodda jista' jkun suġġett għall-eżistenza u l-konsistenza mal-qafas regolatorju domestiku maħsub biex jilħaq l-objettivi msemmija fl-Artikolu 19.

28. SK: Is-servizzi ta' assigurazzjoni li ġejjin huma pprovduti minn fornituri esklusivi: L-assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà lejn terzi għall-vetturi, l-assigurazzjoni obbligatorja tat-trasport bl-ajru, l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà ta' min iħaddem kontra l-korriment jew il-mard okkupazzjonali jridu jsiru permezz tal-Kumpanija Slovakka tal-Assigurazzjoni. L-assigurazzjoni bażika tas-saħħa tingħata biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni Slovakki li jkollhom liċenzja sabiex jipprovdu assigurazzjoni tas-saħħa maħruġa mill-Ministeru tal-Kura tas-Saħħa tar-Repubblika Slovakka skont l-Att 273/1994 Koll. tal-Liġijiet. L-iskemi tal-assigurazzjoni ta' fondi tal-pensjonijiet u tal-assigurazzjoni kontra l-mard jiġu pprovduti biss mill-Kumpanija ta' Assigurazzjoni Soċjali.

29. SI: L-ammissjoni fis-suq ta' servizzi jew prodotti finanzjarji ġodda tista' tkun suġġetta għall-eżistenza u l-konsistenza ma' qafas regolatorju maħsub biex jilħaq l-objettivi msemmija fl-Artikolu 19.

30. SI: Bħala regola ġenerali u f'mod mhux diskriminatorju, istituzzjonijiet finanzjarji inkorporati fis-Slovenja jridu jadottaw forma ġuridika speċifika.

31. SI: Attivitajiet tal-assigurazzjoni u bankarji għandhom jitwettqu minn fornituri ta' sevizzi finanzjarji li huma ġuridikament separati.

32. SI: Servizzi ta' investiment jistgħu jiġu pprovduti biss permezz ta' banek u ditti tal-investiment.

| | | |
|---|---|---|
| A. Assigurazzjoni u Servizzi Marbutin mal-Assigurazzjoni | 1) Provvista transfruntiera | AT: L-attività promozzjonali u l-intermedjazzjoni f'isem sussidjarja mhux stabbilita fil-Komunità jew f'isem fergħa mhux stabbilita fl-Awstrija (ħlief għar-riassigurazzjoni u għar-retroċessjoni) huma pprojbiti.<br>AT: L-assigurazzjoni obbligatorja tat-trasport bl-ajru tista' tkun sottoskritta biss minn sussidjarju stabbilit fil-Komunità jew minn fergħa stabbilita fl-Awstrija.<br>AT: Trid titħallas taxxa oġħla fuq il-primjum għall-kuntratti tal-assigurazzjoni (ħlief għall-kuntratti ta' riassigurazzjoni u ta' retroċessjoni) sottoskritti minn kumpanija sussidjarja li mhix stabbilita fil-Komunità jew minn fergħa li mhix stabbilita fl-Awstrija. Tista' tingħata eċċezzjoni mit-taxxa oġħla.<br>BG: Subsettur A.1. (assigurazzjoni diretta). Bla restrizzjonijiet, ħlief għal servizzi pprovduti minn fornituri barranin lil persuni barranin fit-territorju tal-Bulgarija. L-assigurazzjoni tat-trasport li tkopri l-prodotti, assigurazzjoni tal-vetturi bħala tali u assigurazzjoni tar-responsabbiltà dwar riskji li jinsabu fil-Bulgarija ma jistgħux jiġu sottoskritti direttament minn kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin. Kumpanija barranija tal-assigurazzjoni tista' tikkonkludi kuntratti tal-assigurazzjoni permezz ta' fergħa biss. Bla restrizzjonijiet għall-assigurazzjoni ta' depożitu u skemi simili ta' kumpens, kif ukoll skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja. Bla restrizzjonijiet għat-trattament nazzjonali. |

| | | |
|---|---|---|
| | | BG: Subsettur A.2. (riassigurazzjoni u retroċessjoni). Bla restrizzjonijiet għas-servizzi ta' retroċessjoni.<br><br>BG: Subsetturi A.3. u A.4. (intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni): Bla restrizzjonijiet.<br><br>CY Kwalunkwe riassiguratur barrani approvat mis-Supretendent tal-Assigurazzjoni (fuq kriterji prudenzjali) jista' joffri riassigurazzjoni jew servizzi ta' retroċessjoni lil kumpaniji ta' assigurazzjoni inkorporati u liċenzjati f'Ċipru.<br><br>CY Subsetturi A.3. u A.4. (intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni): Bla restrizzjonijiet.<br><br>CZ: L-ebda ħlief:<br><br>Fornituri tas-servizzi finanzjarji barranin jistgħu jistabbilixxu kumpanija tal-assigurazzjoni bis-sede tagħha fir-Repubblika Ċeka bħala kumpanija b'ishma konġunti jew jistgħu jagħtu servizz ta' assigurazzjoni permezzz tal-fergħat tagħhom li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat fir-Repubblica Ċeka skont il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-Att dwar l-Industrija tal-Assigurazzjoni.<br><br>Għal fornitur tas-servizzi tal-assigurazzjoni huma meħtieġa preżenza kummerċjali u awtorizzazzjoni:<br><br>— biex jipprovdi servizzi bħal dawn inkluża r-riassigurazzjoni, u<br><br>— biex jikkonkludi kuntratt ta' intermedjazzjoni ma' intermedjarju bil-għan li jiġi konkluż kuntratt ta' assigurazzjoni bejn il-fornitur tas-servizzi ta' assigurazzjoni u parti terza.<br><br>L-intermedjarju jrid ikollu l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex tiġi provduta l-intermedjazzjoni għal fergħa bl-uffiċċju reġistrat tagħha fir-Repubblika Ċeka.<br><br>DK: L-assigurazzjoni obbligatorja tat-trasport bl-ajru tista' tiġi sottoskritta biss minn ditti stabbiliti fil-Komunità.<br><br>DK: Ebda persuna jew kumpanija (inkluż kumpaniji tal-assigurazzjoni) ma tista', għal skopijiet ta' negozju fid-Danimarka, tassisti fil-ħruġ ta' assigurazzjoni diretta għal persuni residenti fid-Danimarka, għal bastimenti Daniżi jew għal proprjetà fid-Danimarka, barra minn kumpaniji tal-assigurazzjoni liċenzjati mil-liġi Daniża jew mill-awtoritajiet Daniżi kompetenti.<br><br>DE: Poloz tal-assigurazzjoni tal-ajru obbligatorja jistgħu jiġu sottoskritti biss minn sussidjarju stabbilit fil-Komunità jew minn fergħa stabbilita fil-Ġermanja.<br><br>DE: Jekk kumpanija tal-assigurazzjoni barranija stabbiliet fergħa fil-Ġermanja, din tista' tikkonkludi kuntratti tal-assigurazzjoni fil-Ġermanja marbuta ma' trasport internazzjonali permezz tal-fergħa stabbilita fil-Ġermanja biss.<br><br>FI: L-assiguraturi li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew li jkollhom fergħa tagħhom fil-Finlandja biss jistgħu joffru servizz tal-assigurazzjoni kif imsemmi fis-subparagrafu B.3 (a) tal-Ftehim.<br><br>FI: Il-provvista ta' servizzi ta' sensara tal-assigurazzjoni tiddependi minn jekk dawn ikollhomx post tan-negozju permanenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea.<br><br>FR: Assigurazzjoni kontra riskji relatati ma' trasport bl-art tista' tinħareġ biss minn ditti tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità.<br><br>HR: Subsettur A.1. (a) (assigurazzjoni diretta, a) assigurazzjoni tal-ħajja): Bla restrizzjonijiet, ħlief għal assigurazzjoni tal-ħajja lil persuni barranin residenti fil-Kroazja.<br><br>HR: Subsettur A.1. (b) (assigurazzjoni diretta, a) assigurazzjoni mhux tal-ħajja): Bla restrizzjonijiet, ħlief għal assigurazzjoni mhux tal-ħajja lil persuni barranin residenti fil-Kroazja ħlief għar-responsabbiltà tal-vetturi. Bla restrizzjonijiet għal assigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u t-trasport.<br><br>HU: Subsettur A.1. (assigurazzjoni diretta): Dawk l-intraprendituri biss li jsegwu attivitajiet ta' negozju internazzjonali speċifikati fir-regoli ġuridiċi dwar il-kambju barrani għandhom permess jixtru s-servizzi. Jistgħu jiġu assigurati biss avvenimenti tal-assigurazzjoni li jseħħu fl-esteru.<br><br>IT: Bla restrizzjonijiet għall-professjoni attwarjali. |

| | | |
|---|---|---|
| | | IT: Assigurazzjoni ta' riskji relatati mal-esportazzjoni c.i.f. minn residenti fl-Italja jistgħu jiġu sottoskritti biss minn ditti tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità.<br><br>IT: Assigurazzjoni tat-transport ta' prodotti, assigurazzjoni ta' vetturi bħala tali u assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà rigward riskji li jseħħu fl-Italja jistgħu jiġu sottoskritti biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità. Din ir-riżerva ma tapplikax għat-trasport internazzjonali li jinvolvi l-importazzjonijiet fl-Italja<br><br>LV: Bla restrizzjonijiet għas-subparagrafu B.3 (a) tal-Fehim.<br><br>MT: Subsetturi A.3. u A.4. (intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni): Bla restrizzjonijiet.<br><br>PL: Bla restrizzjonijiet ħlief għal riassigurazzjoni, retroċessjoni u assigurazzjoni ta' prodotti fil-kummerċ internazzjonali.<br><br>RO: Bla restrizzjonijiet għas-subparagrafu B.3 (a) u (c) tal-Fehim. Għas-subsettur A.2. (riassigurazzjoni u retroċessjoni): Ir-riassigurazzjoni fuq is-suq internazzjonali tista' ssir biss jekk ir-riskju riassigurat ma jistax jitqiegħed fis-suq domestiku.<br><br>PT: L-assigurazzjoni tat-trasport bl-ajru u t-trasport marittimu li tkopri prodotti, inġenji tal-ajru, bastimenti u responsabbiltà, tista' tkun sottoskritta biss minn kumpaniji stabbiliti fil-Komunità; huma biss persuni u kumpaniji li huma stabbiliti fil-Komunità li jistgħu jaġixxu bħala intermedjarji għal tali negozju tal-assigurazzjoni fil-Portugall.<br><br>SK: Meħtieġa preżenza kummerċjali għal forniment ta':<br><br>— assigurazzjoni tal-ħajja ta' persuni b'residenza permanenti fir-Repubblika Slovakka;<br><br>— assigurazzjoni ta' proprjetà fit-territorju tar-Repubblika Slovakka;<br><br>— assigurazzjoni tar-responsabbiltà għal telf jew ħsara kkawżati minn attività ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi fit-territorju tar-Repubblika Slovakka;<br><br>— assigurazzjoni tal-ajru u marittima li tkopri prodotti, ajruplani, bastimenti u responsabbiltà.<br><br>SI: Assigurazzjoni marittima, l-avjazzjoni u t-trasport: Attivitajiet ta' assigurazzjoni fornuti minn istituzzjonijiet ta' assigurazzjoni reċiproka huma limitati għal kumpaniji inkorporati stabbiliti fis-Slovenja.<br><br>SI: Subsetturi A.2., A.3. u A.4. (riassigurazzjoni u retroċessjoni, intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni u servizzi anċillari għall-assigurazzjoni): Bla restrizzjonijiet.<br><br>SE: Il-forniment ta' assigurazzjoni diretta huwa permess biss permezz ta' fornitur ta' servizz tal-assigurazzjoni awtorizzat fl-Iżvezja, bil-kundizzjoni li l-fornitur barrani tas-servizz u l-kumpanija tal-assigurazzjoni Żvediża jkunu proprjetà tal-istess grupp ta' kumpaniji jew ikollhom ftehim ta' kooperazzjoni bejniethom. |
| | 2) Konsum barra l-pajjiż | AT: L-attività promozzjonali u l-intermedjazzjoni f'isem sussidjarja mhux stabbilita fil-Komunità jew f'isem fergħa mhux stabbilita fl-Awstrija (ħlief għar-riassigurazzjoni u għar-retroċessjoni) huma pprojbiti.<br><br>AT: L-assigurazzjoni obbligatorja tal-ajru tista' tkun sottoskritta biss minn sussidjarju stabbilit fil-Komunità jew minn fergħa stabbilita fl-Awstrija).<br><br>AT: Trid titħallas taxxa ogħla fuq il-primjum għall-kuntratti tal-assigurazzjoni (ħlief għall-kuntratti ta' riassigurazzjoni u ta' retroċessjoni) sottoskritti minn kumpanija sussidjarja li mhix stabbilita fil-Komunità jew minn fergħa li mhix stabbilita fl-Awstrija. Tista' tingħata eċċezzjoni mit-taxxa ogħla.<br><br>BG: Subsettur A.1. (assigurazzjoni diretta) Persuni Bulgari fiżiċi u ġuridiċi, kif ukoll persuni barranin li jagħmlu attività ta' negozju fit-territorju tal-Bulgarija, jistgħu jikkonkludu kuntratti ta' assigurazzjoni ma' fornituri fir-rigward tal-attivtà tagħhom fil-Bulgarija biss, li huma liċenzjati li jagħmlu attività ta' assigurazzjoni fil-Bulgarija. Kumpens tal-assigurazzjoni li jirriżulta minn dawn il-kuntratti għandu jitħallas fil-Bulgarija. Bla restrizzjonijiet għall-assigurazzjoni ta' depożitu u skemi simili ta' kumpens, kif ukoll skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja.<br><br>BG: Subsetturi A.2, A.3. u A.4. (riassigurazzjoni u retroċessjoni, intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni): Bla restrizzjonijiet. |

CY Subsetturi A.3. u A.4. (intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni): Bla restrizzjonijiet.

CZ: L-ebda ħlief:

Servizzi tal-assigurazzjoni kif definiti hawn taħt ma jistgħux jinxtraw minn barra l-pajjiż:

— assigurazzjoni fuq il-ħajja ta' persuni b'residenza permanenti fir-Repubblika Ċeka,

— assigurazzjoni ta' proprjetà fit-territorju tar-Repubblika Ċeka,

— assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà għal telf jew ħsara kkawżati minn attività ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi fit-territorju tar-Repubblika Ċeka.

DK: L-assigurazzjoni obbligatorja tat-trasport bl-ajru tista' tiġi sottoskritta biss minn ditti stabbiliti fil-Komunità.

DK: Ebda persuna jew kumpanija (inkluż kumpaniji tal-assigurazzjoni) ma tista', għal skopijiet ta' negozju fid-Danimarka, tassisti fl-għoti ta' assigurazzjoni diretta għal persuni residenti fid-Danimarka, għal bastimenti Daniżi jew għal proprjetà fid-Danimarka, barra minn kumpaniji tal-assigurazzjoni liċenzjati mil-liġi Daniża jew mill-awtoritajiet Daniżi kompetenti.

DE: Poloz tal-assigurazzjoni obbligatorja tal-ajru tista' tiġi sottoskritta biss minn sussidjarja stabbilita fil-Ġermanja jew minn fergħa stabbilita fil-Ġermanja.

DE: Jekk kumpanija tal-assigurazzjoni barranija stabbiliet fergħa fil-Ġermanja, din tista' tikkonkludi kuntratti tal-assigurazzjoni fil-Ġermanja marbuta ma' trasport internazzjonali permezz tal-fergħa stabbilita fil-Ġermanja biss.

FR: Assigurazzjoni kontra riskji relatati ma' trasport bl-art tista' tinħareġ biss minn ditti tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità.

HR: Subsettur A.1. (a) (assigurazzjoni diretta, a) assigurazzjoni tal-ħajja): Bla restrizzjonijiet, ħlief għall-kapaċità ta' persuni barranin residenti fil-Kroazja biex jiksbu assigurazzjoni tal-ħajja.

HR: Subsettur A.1. (b) (assigurazzjoni diretta, a) assigurazzjoni mhux tal-ħajja):

Bla restrizzjonijiet, ħlief għal:

(i) għall-kapaċità ta' persuni barranin residenti fil-Kroazja biex jiksbu assigurazzjoni mhux tal-ħajja ħlief tar-responsabbiltà tal-vetturi;

(ii) — assigurazzjoni tar-riskju personali jew tal-proprjetà li mhijiex disponibbli fil-Kroazja,

— kumpaniji li jixtru assigurazzjoni minn barra l-pajjiż b'rabta ma' xogħlijiet ta' investiment inkluż it-tagħmir għal dawk ix-xogħlijiet,

— biex jiżguraw ir-ritorn tas-selfiet barranin (kollateral tal-assigurazzjoni),

— assigurazzjoni personali u tal-proprjetà ta' impriżi bi sjieda sħiħa jew konġunta li jwettqu attività ekonomika f'pajjiż barrani, jekk dan ikun skont ir-regolamenti ta' dak il-pajjiż jew tkun meħtieġa mir-reġim ta' reġistrazzjoni tiegħu,

— vapuri taħt kostruzzjoni u rinnovazzjoni jekk ikun stipulat mill-kuntratt konklużmal-klijent barrani (ix-xerrej).

HU: Subsettur A.1. (assigurazzjoni diretta): Dawk l-intraprendituri biss li jsegwu attivitajiet ta' negozju internazzjonali speċifikati fir-regoli ġuridiċi dwar il-kambju barrani għandhom permess jixtru s-servizzi. Jistgħu jiġu assigurati biss avvenimenti tal-assigurazzjoni li jseħħu fl-esteru.

IT: Assigurazzjoni ta' riskji relatati mal-esportazzjoni c.i.f. minn residenti fl-Italja jistgħu jiġu sottoskritti biss minn ditti tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità.

IT: Assigurazzjoni tat-transport ta' prodotti, assigurazzjoni ta' vetturi bħala tali u assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà rigward riskji li jseħħu fl-Italja jistgħu jiġu sottoskritti biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità. Din ir-riżerva ma tapplikax għat-trasport internazzjonali li jinvolvi l-importazzjonijiet fl-Italja.

| | | |
|---|---|---|
| | | MT: Subsetturi A.3. u A.4. (intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni): Bla restrizzjonijiet.<br><br>PL: Bla restrizzjonijiet ħlief għal riassigurazzjoni, retroċessjoni u assigurazzjoni ta' prodotti fil-kummerċ internazzjonali.<br><br>PT: L-assigurazzjoni tat-trasport bl-ajru u t-trasport marittimu li tkopri prodotti, inġenji tal-ajru, bastimenti u responsabbiltà, tista' tkun sottoskritta biss minn kumpaniji stabbiliti fil-Komunità; huma biss persuni u kumpaniji li huma stabbiliti fil-Komunità li jistgħu jaġixxu bħala intermedjarji għal tali negozju tal-assigurazzjoni fil-Portugall.<br><br>RO: Bla restrizzjonijiet għas-subparagrafu B.3 (a) u (c) tal-Fehim. Għas-subsettur A.2. (riassigurazzjoni u retroċessjoni): ċessjoni fir-riassigurazzjoni fis-suq internazzjonali hija permessa biss jekk ir-riskju riassigurat ma jistax jitpoġġa fis-suq domestiku.<br><br>SK: Servizzi tal-assigurazzjoni koperti mill-modalità (1), minbarra assigurazzjoni tat-trasport bl-ajru u bil-baħar li tkopri prodotti, inġenji tal-ajru, bastimenti u responsabbiltà kif imsemmi hawn fuq ma jistgħux jinxtraw minn barra l-pajjiż.<br><br>SI: Assigurazzjoni marittima, l-avjazzjoni u t-trasport: Attivitajiet ta' assigurazzjoni fornuti minn istituzzjonijiet ta' assigurazzjoni reċiproka huma limitati għal kumpaniji inkorporati stabbiliti fis-Slovenja.<br><br>SI: Kumpaniji tar-riassigurazzjoni fis-Slovenja għandhom prijorità fil-ġbir tal-primjums tal-assigurazzjoni. F'każ li dawn il-kumpaniji ma jaslux sabiex jugwalizzaw ir-riskji kollha, dawn jistgħu jiġu riassigurati u retroċessi barra l-pajjiż. (L-ebda meta tiġi adottata l-liġi l-ġdida dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni). |
| | 3) Preżenza Kummerċjali | AT: Il-liċenzja għal uffiċċji ta' fergħat ta' assiguraturi barranin għandha tiġi rrifjutata jekk l-assiguraturi, f'pajjiżhom ma jkollhomx forma ġuridika li tikkorrespondi jew tkun komparabbli ma' kumpanija b'ishma konġunti jew assoċjazzjoni tal-assigurazzjoni reċiproka.<br><br>BE: Kwalunkwe offerta pubblika biex jinkisbu t-titoli Belġjani magħmula minn jew f'isem persuna, kumpanija jew istituzzjoni barra l-ġurisdizzjoni ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea jenħtieġ li tiġi ppreżentata għall-awtorizzazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi.<br><br>BG: Subsettur A.1. (assigurazzjoni diretta):<br><br>Bla restrizzjonijiet għall-assigurazzjoni ta' depożitu u skemi simili ta' kumpens, kif ukoll skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja.<br><br>Il-forniturі tas-servizzi tal-assigurazzjoni ma jistgħux ikunu stabbiliti biex ifornu kemm servizzi tal-assigurazzjoni tal-ħajja kif ukoll dik mhux tal-ħajja. Persuni barranin jistgħu jipprovdu servizzi tal-assigurazzjoni biss permezz ta' parteċipazzjoni f'kumpaniji tal-assigurazzjoni Bulgari bl-ebda limitu fuq il-parteċipazzjoni fl-ekwità, kif ukoll direttament, permezz ta' fergħa, b'uffiċċju reġistrat fil-Bulgarija. L-istabilliment tal-fergħat tal-kumpaniji barrinin tal-assigurazzjoni huwa suġġett għal liċenzjar mill-Kummissjoni Finanzjarja ta' Sorveljanza. Sabiex jistabbilixxu fergħa fil-Bulgarija biex jipprovdu ċerti klassijiet tal-assigurazzjoni, l-assiguraturi barranin irid ikun kellhom l-awtorizzazzjoni joperaw fl-istess klassijiet tal-assigurazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom għal mill-inqas ħames snin. Il-fergħat ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin: rekwiżiti ta' garanziji u depożiti speċifiċi, kapitalizzazzjoni separata, u lokalizzazzjoni fil-Bulgarija tal-assi li jirrappreżentaw ir-riżervi tekniċi.<br><br>L-assigurazzjoni tat-trasport li tkopri l-prodotti, assigurazzjoni tal-vetturi bħala tali u assigurazzjoni tar-responsabbiltà dwar riskji li jinsabu fil-Bulgarija ma jistgħux jiġu sottoskritti direttament minn kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin. Kumpanija barranija tal-assigurazzjoni tista' tikkonkludi kuntratti tal-assigurazzjoni permezz ta' fergħa biss.<br><br>Fondi tal-assigurazzjoni li jinġabru minn kuntratti tal-assigurazzjoni, kif ukoll kapital proprju, iridu jkunu investiti fil-Bulgarija u jistgħu jkunu trasferiti barra l-pajjiż biss suġġett għall-permess tal-Kummissjoni Finanzjarja ta' Sorveljanza.<br><br>Forniturі barranin ma jistgħux jikkonkludu kuntratti tal-assigurazzjoni ma' persuni fiżiċi u ġuridiċi lokali permezz ta' sensara. |

| | | |
|---|---|---|
| | | BG: Subsettur A.2. (riassigurazzjoni u retroċessjoni):<br><br>Il-forniturі tas-servizzi tar-riassigurazzjoni ma jistgħux ikunu stabbiliti biex ifornu kemm servizzi tar-riassigurazzjoni tal-ħajja kif ukoll dik mhux tal-ħajja.<br><br>Persuni barranin jistgħu jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni biss permezz ta' parteċipazzjoni f'kumpaniji tal-assigurazzjoni Bulgari bl-ebda limitu fuq il-parteċipazzjoni fl-ewkità. Kumpaniji ta' riassigurazzjoni barranin jistgħu jipprovdu direttament servizzi ta' riassigurazzjoni, permezz ta' fergħa, b'uffiċċju reġistrat fil-Bulgarija. L-istabbiliment tal-fergħat tal-kumpaniji barranin tal-assigurazzjoni huwa suġġett għal liċenzjar mill-Kummissjoni Finanzjarja ta' Sorveljanza.<br><br>Fondi tar-riassigurazzjoni li jingħabru minn kuntratti ta' riassigurazzjoni, kif ukoll il-kapital proprju, iridu jkun investiti fil-Bulgarija u jistgħu jkunu trasferiti barra l-pajjiż biss suġġett għall-permess tal-Kummissjoni Finanzjarja ta' Sorveljanza.<br><br>Forniturі barranin ma jistgħux jikkonkludu kuntratti ta' riassigurazzjoni ma' persuni fiżiċi u ġuridiċi lokali permezz ta' sensara.<br><br>Bla restrizzjonijiet għal servizzi ta' retroċessjoni<br><br>BG: Subsetturi A.3. u A.4. (intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni):<br><br>Kumpaniji tan-negozju, irreġistrati fil-Bulgarija taħt il-Liġi tan-Negozju, u liċenzjati mill-Kummissjoni Finanzjarja ta' Sorveljanza biss jistgħu jagħmlu attività intermedjarja.<br><br>Servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni għandhom ikunu relatati mal-assigurazzjoni.<br><br>Bla restrizzjonijiet għas-servizzi attwarjali.<br><br>CY Subsettur A.1. (assigurazzjoni diretta):<br><br>L-ebda assiguratur ma jista' jopera f'Ċipru jew minnha sakemm ma jkunx awtorizzat li jagħmel dan mis-Supretendent tal-Assigurazzjoni, skont il-Liġijiet tal-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni.<br><br>Kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin jistgħu joperaw mir-Repubblika ta' Ċipru billi jwaqqfu fergħa jew aġenzija. L-assiguratur barrani jrid ikun ġie awtorizzat jopera fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu qabel ma jingħata l-awtorizzazzjoni li jistabbilixxi fergħa jew aġenzija.<br><br>Il-parteċipazzjoni ta' persuni mhux residenti f'kumpaniji tal-assigurazzjoni, inkorporati f'Ċipru, teħtieġ l-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Ċentrali. Il-livell ta' parteċipazzjoni barranija huwa determinat skont il-każ skont il-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>CY Subsettur A.2. (riassigurazzjoni u retroċessjoni):<br><br>L-ebda kumpannija ma tista' topera bħala riassiguratur f'Ċipru jekk ma jkollhiex l-awtorizzazzjoni tas-Supretendent tal-Assigurazzjoni.<br><br>Investiment minn persuni mhux residenti f'kumpaniji tar-riassigurazzjoni jeħtieġ l-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Ċentrali. Is-sehem tal-parteċipazzjoni barranija fil-kapital ta' kumpaniji lokali tar-riassigurazzjoni tiġi determinata każ b'każ. Fil-preżent ma teżisti l-ebda kumpanija tar-riassigurazzjoni.<br><br>CY Subsetturi A.3. u A.4. (intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni): Bla restrizzjonijiet.<br><br>CZ: L-ebda ħlief:<br><br>Forniturі tas-servizzi finanzjarji barranin jistgħu jistabbilixxu kumpanija tal-assigurazzjoni bis-sede tagħha fir-Repubblika Ċeka bħala kumpanija b'ishma konġunti jew jistgħu jagħtu servizz ta' assigurazzjoni permezz tal-fergħat tagħhom li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat fir-Repubblika Ċeka skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Att dwar l-Industrija tal-Assigurazzjoni.<br><br>Għal fornitur tas-servizzi tal-assigurazzjoni huma meħtieġa preżenza kummerċjali u awtorizzazzjoni:<br><br>— biex jipprovdi dawn is-servizzi inkluż ir-riassigurazzjoni; u<br><br>— biex jikkonkludi kuntratt ta' intermedjazzjoni ma' intermedjarju bil-għan li jiġi konkluż kuntratt tal-assigurazzjoni bejn il-fornitur tas-servizzi ta' assigurazzjoni u parti terza. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-intermedjarju biex ikun jista' jwettaq intermedjazzjoni minn fergħa b'uffiċċju rreġistrat fir-Repubblika Ċeka.<br><br>ES: Qabel ma jistabbilixxu fergħa jew aġenzija fi Spanja biex jipprovdu ċerti klassijiet ta' assigurazzjoni, assiguraturi barranin irid ikun kellhom awtorizzazzjoni biex joperaw fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom għal mill-inqas ħames snin.<br><br>ES, EL: Id-dritt ta' stabbiliment ma jkoprix il-ħolqien ta' uffiċċji rappreżentattivi jew preżenza permanenti oħra ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni, barra fejn it-tali uffiċċji jkunu stabbiliti bħala aġenziji, fergħat jew uffiċċji prinċipali<br><br>EE: Subsettur A.1. (assigurazzjoni diretta): L-ebda, ħlief il-korp maniġerjali ta' kumpanija tal-assigurazzjoni b'ishma konġunti bil-parteċipazzjoni ta' kapital barrani ma jista' jinkludi ċittadini ta' pajjiżi barranin f'proporzjon mal-parteċipazzjoni barranija, imma mhux aktar min-nofs il-membri tal-grupp maniġerjali; il-kap tal-maniġment ta' sussidjarja jew kumpanija indipendenti jrid ikun jgħix b'mod permanenti fl-Estonja.<br><br>FI: Id-direttur maniġerjali, mill-inqas awditur wieħed u mill-inqas nofs il-promoturi u l-membri tal-bord tad-diretturi u l-bord ta' superviżjoni ta' kumpanija tal-assigurazzjoni għandu jkollhom ir-residenza tagħhom fiż-Żona Ekonomika Ewropea, sakemm il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u tas-Saħħa ma jkunx ta eżenzjoni.<br><br>FI: Assiguraturi barranin ma jistgħux jiksbu liċenzja fil-Finlandja bħala fergħa sabiex iwettqu assigurazzjonijiet soċjali statutorji (assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni, assigurazzjoni statutorja kontra l-inċidenti).<br><br>FI: L-aġent ġenerali ta' kumpanija barranija tal-assigurazzjoni għandu jkollu l-post tar-residenza tiegħu fil-Finlandja, sakemm il-kumpannija ma jkollhiex l-uffiċċju prinċiplai tagħha fiż-Żona Ekonomika Ewropea.<br><br>FR: Il-ftuħ ta' fergħat huwa soġġett għal awtorizzazzjoni speċjali għar-rappreżentant tal-fergħa.<br><br>HU: Hemm il-ħsieb li l-fergħat diretti jiġu ristretti la darba tintrabat fil-GATS, u bil-kondizzjonijiet stabbiliti fih.<br><br>HU: Il-bord ta' istituzzjoni finanzjarja għandu jinkludi mill-anqas żewġ membri, ċittadini Ungeriżi, residenti fis-sens tar-regolamenti rilevanti tal-kambju barrani u li ilhom residenti permanenti fl-Ungerija għal mill-anqas sena.<br><br>IE: Id-dritt ta' stabbiliment ma jkoprix il-ħolqien ta' uffiċċji rappreżentattivi.<br><br>IT: Aċċess għall-professjoni attwarjali permezz ta' persuni fiżiċi biss. Assoċjazzjonijiet professjonali (mhux inkorporazzjoni) bejn persuni fiżiċi huma permessi.<br><br>IT: L-awtorizzazzjoni għat-twaqqif tal-fergħat hija fl-aħħar mill-aħħar suġġetta għall-evalwazzjoni tal-awtoritajiet ta' superviżjoni.<br><br>LV: Subsetturi A.1. u A.2. (assigurazzjoni diretta u riassigurazzjoni u retroċessjoni): Bħala regola ġenerali u b'mod mhux diskriminatorju, istituzzjonijiet barranin tal-assigurazzjoni jridu jadottaw forma ġuridika speċifika.<br><br>LV: Subsettur A.3. (intermedjazzjoni assigurattiva): L-intermedjarji jistgħu jkunu biss persuni fiżiċi (l-ebda rekwiżit ta' nazzjonalità) u jistgħu jfornu servizz f'isem kumpanija tal-assigurazzjoni li jkollha l-awtorizzazzjoni mill-Awtorità Superviżorja tal-Assigurazzjoni fil-Latvja.<br><br>LT: Il-kumpaniji tal-assigurazzjoni m'għandhomx permess jipprovdu kemm assigurazzjoni fuq il-ħajja kif ukoll assigurazzjoni li mhix fuq il-ħajja. Iż-żewġ forom (a) u (b) ta' assigurazzjoni jinħtieġu inkorporazzjoni separata.<br><br>MT: Jista' jkun suġġett għal test tal-bżonnijiet ekonomiċi.<br><br>PL: Subsetturi A.1. sa A.3. (assigurazzjoni diretta, riassigurazzjoni u retroċessjoni, u intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni):<br><br>Stabbiliment biss f'forma ta' kumpanija b'ishma konġunti jew fergħa wara l-kisba ta' liċenzja. Mhux aktar minn 5 % tal-fondi tal-assigurazzjoni jistgħu jiġu investiti fl-esteru. Persuna li twettaq attivitajiet ta' intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni jrid ikollha l-liċenzja meħtieġa. L-intermedjarji tal-assigurazzjoni jridu jkunu inkorporati lokalment. |

| | | |
|---|---|---|
| | | PL: Subsettur A.4. (servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni): Bla restrizzjonijiet.<br><br>PT: Kumpaniji barranin jistgħu jwettqu intermedjazzjoni tal-assigurazjoni fil-Portugall permezz biss ta' kumpanija ffurmata skont il-liġi ta' Stat Membru tal-Komunità.<br><br>PT: Biex jistabbilixxu fergħa fil-Portugall, il-kumpaniji barranin jeħtiġilhom juru li għandhom esperjenza operazzjonali ta' mill-inqas ħames snin.<br><br>RO: It-twaqqif ta' kumpaniji u aġenziji tal-intermedjazzjoni b'parteċipazzjoni barranija huwa permess biss f'soċjetà ma' persuni ġuridiċi jew fiżiċi Rumeni. Ir-rapreżentanti ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin u ta' assoċjazzjonijiet tal-assiguraturi barranin għandhom id-dritt jikkonkludu biss it-tipi ta' kuntratti tal-assigurazzjoni li ġejjin: 1. kuntratti tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma' persuni ġuridiċi u fiżiċi barranin jew għall-prodotti tagħhom; 2. kuntratti ta' riassigurazzjoni ma' kumpaniji tal-assigurazzjoni, kumpanniji tal-assigurazzjoni-riassigurazzjoni u kumpaniji tar-riassigurazzjoni Rumeni. Aġenziji tal-intermedjazzjoni ma għandhomx permess jikkonkludu kuntratti tal-assigurazzjoni għall-kumpaniji barranin tal-assigurazzjoni ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi Rumeni jew għall-prodotti tagħhom.<br><br>SK: Il-maġġoranza tal-bord tal-immaniġġjar ta' kumpanija tal-assigurazzjoni għandha tkun domiċiljata fir-Repubblika Slovakka.<br><br>Tinħtieġ liċenzja għall-forniment ta' servizzi tal-assigurazzjoni. Ċittadini barranin jistgħu jwaqqfu kumpanija tal-assigurazzjoni bis-sede fir-Repubblika Slovakka bħala kumpanija b'ishma konġunti jew jipprovdu servizz tal-assigurazzjoni permezz tas-sussidjarji tagħhom b'uffiċċju reġistrat fir-Repubblika Slovakka skont il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-Liġi tal-Assigurazzjoni. Negozju tal-assigurazzjoni jfisser attività tal-assigurazzjoni inklużi attivitajiet ta' senserija u ta' riassigurazzjoni.<br><br>Attività tal-intermedjazzjoni bl-iskop li jiġi konkluż kuntratt bejn terzi persuni u l-kumpanija tal-assigurazzjoni tista' titwettaq minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu residenti fir-Repubblika Slovakka għall-benefiċċju tal-kumpanija tal-assigurazzjoni li jkollha l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità ta' Superviżjoni tal-Assigurazzjoni.<br><br>Kuntratt ta' intermedjazzjoni bl-iskop li jsir kuntratt tal-assigurazzjoni bejn terzi persuni u l-kumpanija tal-assigurazzjoni jista' jsir biss, minn kumpanija tal-assigurazzjoni domestika jew barranja, wara li tkun ingħatat liċenzja mill-Awtorità ta' Superviżjoni tal-Assigurazzjoni<br><br>Ir-riżorsi finanzjarji ta' fondi tal-assigurazzjoni speċifiċi ta' operaturi tal-assigurazzjoni liċenzjati li jkunu ġejjin mid-detenturi tal-poloz tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni b'residenza jew bl-uffiċċju reġistrat fir-Repubblika Slovakka, iridu jiġu depożitati f'bank residenti fir-Repubblika Slovakka u ma jistgħux jiġu trasferiti barra l-pajjiż.<br><br>SI: Subsettur A.1. (assigurazzjoni diretta):<br><br>L-istabbiliment huwa suġġett għal-liċenzja li tinħareġ mill-Ministeru tal-Finanzi. Persuni barranin jistgħu jwaqqfu kumpanija tal-assigurazzjoni biss bħala impriża konġunta ma' persuna domestika, fejn il-parteċipazzjoni tal-persuni barranin hija limitata għal sa 99 %.<br><br>Il-limitu fuq il-parteċipazzjoni massima tal-persuni barranin għandu jiġi abolit meta tiġi adottata l-Liġi l-ġdida dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni.<br><br>Persuna barranija tista' takkwista jew iżżid l-ishma tagħha f'kumpanija tal-assigurazzjoni domestika dment li jkollha l-approvazzjoni minn qabel tal-Ministeru tal-Finanzi.<br><br>Meta joħroġ liċenzja jew japprova x-xiri ta' ishma f'kumpanija tal-assigurazzjoni domestika, il-Ministeru tal-Finanzi jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:<br><br>— dispersjoni tas-sjieda tal-ishma u l-eżistenza ta' azzjonisti minn pajjiżi differenti;<br><br>— il-forniment ta' prodotti tal-assigurazzjoni ġodda u t-trasferiment tal-għarfien espert relatat, jekk l-investitur barrani jkun kumpanija tal-assigurazzjoni.<br><br>Bla restrizzjonijiet rigward il-parteċipazzjoni barranija f'kumpanija tal-assigurazzjoni li tkun qiegħda tiġi pprivatizzata.<br><br>Is-sħubija f'istituzzjoni tal-assigurazzjoni mutwa hija limitata għall-kumpaniji stabbiliti fis-Slovenja u għal persuni fiżiċi domestiċi. |

| | | |
|---|---|---|
| | | SI: Subsettur A.2. (riassigurazzjoni u retroċessjoni): Il-parteċipazzjoni barranija f'kumpanija tar-riassigurazzjoni hija limitata sa sehem ta' kontroll tal-kapital. (L-ebda, ħlief għall-fergħat, meta tiġi adottata l-liġi l-ġdida dwar il-Kumpanniji tal-Assigurazzjoni).<br><br>SI: Subsetturi A.3. u A.4. (intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni):<br><br>Għall-forniment ta' konsultazzjoni u servizzi ta' saldu ta' pretensjonijiet, tinħtieġ inkorporazzjoni bħala entità ġuridika bil-kunsens tal-Uffiċċju tal-Assigurazzjoni.<br><br>Għal attwarji u attivitajiet ta' valutazzjoni tar-riskju, il-forniment ta' servizzi permezz ta' stabbiliment l-professjonali biss.<br><br>L-operat huwa limitata għal assigurazzjoni diretta u riassigurazzjoni.<br><br>Għal proprjetarji esklużivi, tinħtieġ residenza fis-Slovenja.<br><br>SE: Impriżi ta' senserija tal-assigurazzjoni li ma humiex inkorporati fl-Iżvezja jistgħu jistabbilixxu preżenza kummerċjali permezz ta' fergħa biss.<br><br>SE: Impriżi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja mhux inkorporati fl-Iżvezja li jagħmlu negozju fl-Iżvezja huma – minflok intaxxati skont ir-riżultat nett – soġġetti għal tassazzjoni bbażata fuq l-introjtu mill-primjums minn operazzjonijiet ta' assigurazzjoni diretta.<br><br>SE: Fundatur ta' kumpanija tal-assigurazzjoni għandu jkun persuna fiżika residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew entità ġuridika inkorporata fiż-Żona Ekonomika Ewropea. |
| | 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi | CY Bla restrizzjonijiet.<br><br>PL:<br><br>Subsetturi A.1. sa A.3. (assigurazzjoni diretta, riassigurazzjoni u retroċessjoni, u intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni): Bla restrizzjonijiet ħlief kif indikat fit-Taqsima orizzontali u soġġett għal-limitazzjoni li ġejja: Rekwiżit tar-residenza għall-intermedjarji tal-assigurazzjoni.<br><br>Subsettur A.4. (servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni): Bla restrizzjonijiet.<br><br>AT, BE, BG, CZ, DE, DK, ES, EE, FR, FI, EL, HR, HU, IT, IE, LU, LT, LV, MT, NL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet ħlief kif indikat fit-taqsimiet orizzontali rispettivi u soġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin:<br><br>AT: Il-maniġment ta' uffiċċju ta' fergħa jrid ikun magħmul minn żewġ persuni residenti fl-Awstrija.<br><br>BG: Bla restrizzjonijiet għall-assigurazzjoni ta' depożiti u skemi simili ta' kumpens, kif ukoll skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja. Bla restrizzjonijiet għas-servizzi ta' retroċessjoni. Bla restrizzjonijiet għas-subsetturi A.3. u A.4. (intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni).<br><br>DK: Huwa meħtieġ li l-aġent ġenerali ta' fergħa tal-assigurazzjoni jkun għex fid-Danimarka għal mill-inqas sentejn sakemm ma jkunx ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità. Il-Ministru tal-Kummerċ u l-Industrija jista' jagħti eżenzjoni.<br><br>DK: Rekwiżit tar-residenza għall-maniġers u l-membri tal-bord tad-diretturi ta' kumpanija. Madankollu, il-Ministru tal-Kummerċ u l-Industrija jista' jagħti eżenzjoni minn dan ir-rekwiżit. Eżenzjoni tingħata fuq bażi nondiskriminatorja.<br><br>ES, IT: Rekwiżit ta' residenza għall-professjoni attwarja.<br><br>EL: Il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' kumpanija stabbilita fil-Greċja trid tkun ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità.<br><br>SI: Għall-valutazzjoni attwarjali u tar-riskju, hija meħtieġa r-residenza minbarra eżami tal-kwalifikazzjoni, sħubija fl-Assoċjazzjoni Attwarjali tar-Repubblika tas-Slovenja u ħila fl-ilsien Sloven. |

| | | |
|---|---|---|
| B. Servizzi Bankarji u Finanzjarji Oħrajn (eskluża l-assigurazzjoni) | 1) Provvista transfruntiera | BE: L-istabbiliment fil-Belġju hu meħtieġ biex wieħed jipprovdi servizzi ta' konsulenza dwar l-investimenti.<br><br>BG: Subsetturi B.11. u B.12. (forniment u trasferiment ta' tagħrif finanzjarju, u servizzi ta' konsulenza): Rekwiżit biex tintuża n-network pubblika tat-telekomunikazzjoni, jew in-network ta' operatur awtorizzat ieħor, fil-każ ta' provvista transfruntiera ta' dawn is-servizzi. Bla restrizzjonijiet għall-intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari<br><br>CY Bla restrizzjonijiet.<br><br>CZ: Is-servizzi tal-ħruġ tal-munita minn bank mhux ċentrali, negozjar ta' prodotti derivattivi, ta' titoli trasferibbli u ta' strumenti negozjabbli oħra u assi finanzjarji, parteċipazzjoni fi ħruġ ta' kull xorta ta' titoli, senserija tal-flus, immaniġġjar tal-assi, servizzi ta' saldu u kklerjar għal assi finanzjarji, servizzi ta' konsulenza, intermediazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra li huma relatati ma' dawn l-attivitajiet: Bla restrizzjonijiet.<br><br>CZ: L-ebda ħlief:<br><br>Banek u fergħat ta' banek barranin stabbiliti fir-Repubblika Ċeka biss li jkollhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa biss jistgħu:<br><br>— jipprovdu servizzi ta' depożitu;<br><br>— jinnegozjaw assi tal-kambju;<br><br>— iħallsu pagamenti transfruntieri mhux fi flus.<br><br>Jinħtieġ permess tal-kambju maħruġ mill-Bank Nazzjonali Ċek jew mill-Ministeru tal-Finanzi fil-każ ta' residenti Ċeki mhux bankarji biex:<br><br>(a) jiftħu u jiffinanzjaw kont barra l-pajjiż minn residenti Ċeki;<br><br>(b) iħallsu pagamenti ta' kapital barra l-pajjiż (minbarra Investiment Dirett Barranin)<br><br>(c) jagħtu krediti finanzjarji u ta' garanziji,<br><br>(d) joperaw fid-direvattivi;<br><br>(e) jixtru titoli barranin ħlief fil-każijiet deskritti fl-Att dwar il-Kambju,<br><br>(f) joħorġu titoli barranin għan-negozjar pubbliku u mhux pubbliku fir-Repubblika Ċeka jew l-introduzzjoni tagħhom fis-suq domestiku.<br><br>EE: Subsettur B.1. (aċċettazzjoni ta' depożiti): Rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn Eesti Pank u reġistrazzjoni taħt il-liġi Estonjana bħala kumpannija b'ishma konġunti, sussidjarja jew fergħa.<br><br>EE, LT: Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita kumpanija tal-maniġment speċjalizzata biex jitwettqu attivitajiet ta' maniġment ta' fiduċjarja ta' unitajiet u ta' kumpaniji tal-investiment u huma biss dawk il-kumpaniji li għandhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fil-Komunità li jistgħu jaġixxu bħala depożitarji tal-assi ta' fondi għall-investiment.<br><br>HR: Mingħajr restrizzjonijiet għas-Subsetturi B.1., B.6., B.7., B.9. u B.10.<br><br>HU: Bla restrizzjonijiet.<br><br>IE: Għall-provvista ta' servizzi tal-investiment jew konsulenza dwar l-investiment tinħtieġ 1. awtorizzazzjoni fl-Irlanda, li normalment tesiġi li l-entità tkun inkorporata jew tkun soċja jew negozjant esklussiv, f'kull wieħed mill-każijiet ma' uffiċċju prinċipali/reġistrat fl-Irlanda (ma tkunx meħtieġa awtorizzazzjoni f'ċerti każi, pereż. fejn fornitur ta' servizz minn pajjiż terz ma jkollux preżenza kummerċjali fl-Irlanda u s-servizz ma jiġix provdut lil individwi privati), jew 2. awtorizzazzjoni fi Stat Membru ieħor skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).<br><br>IT: Bla restrizzjonijiet għal "promotori di servizi finanziari" (bejjiegħa finanzjarji).<br><br>LT: Immaniġġjar ta' fondi tal-pensjonijiet: Preżenza kummerċjali hija meħtieġa<br><br>MT:<br><br>Subsetturi B.1. u B.2. (aċċettazzjoni ta' depożiti u għoti b'self ta' kull tip): L-ebda. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Subsettur B.11. (forniment u trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja): Bla restrizzjonijiet ħlief għall-provvista ta' tagħrif finanzjarju minn fornituri internazzjonali.<br><br>Subsettur B.12. (servizzi ta' konsulenza u servizzi awżiljari finanzjarji oħra): Bla restrizzjonijiet.<br><br>PL:<br><br>Subsettur B.11. (forniment u trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja): Rekwiżit biex tintuża n-network pubblika tat-telekomunikazzjoni, jew in-network ta' operatur awtorizzat ieħor, fil-każ ta' provvista transfruntiera ta' dawn is-servizzi<br><br>Subsettur B.12. (servizzi ta' konsulenza u servizzi awżiljari finanzjarji oħra): Bla restrizzjonijiet.<br><br>RO: Subsettur B.4 (is-servizzi kollha ta' pagament u ta' trasmissjoni ta' flus): Permessi biss permezz ta' bank residenti.<br><br>SK: In-negozjar ta' prodotti derivattivi, ta' titoli trasferibbli, u ta' strumenti u assi finanzjarji negozjabbli oħra, parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull xorta ta' titoli, senserija tal-flus, immaniġġjar ta' assi, u servizzi ta' saldu u kklerjar għall-assi finanzjarji: Bla restrizzjonijiet.<br><br>SK:<br><br>(i) Servizzi ta' depożitu huma ristretti għall-banek domestiċi u fergħat ta' banek barranin fir-Repubblika Slovakka.<br><br>(ii) Huma biss banek domestiċi, fergħat ta' banek barranin awtorizzati fir-Repubblika Slovakka u persuni li għandhom liċenzja tal-kambju li jistgħu jinnegozjaw f'assi tal-kambju. Membri tal-borża biss jistgħu jinnegozjaw fil-Borża ta' Bratislava. Residenti jistgħu jinnegozjaw fl-RM-System Slovakia bla ebda limitu u dawk li ma humiex residenti permezz ta' negozjanti tat-titoli biss.<br><br>(iii) Pagamenti transfruntieri mhux fi flus jistgħu jsiru biss minn banek domestiċi u fergħat ta' banek barranin awtorizzati fir-Repubblika Slovakka.<br><br>(iv) Hija meħtieġa liċenzja tal-kambju maħruġa mill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja biex:<br><br>(a) jinfetaħ kont fl-esteru minn resident mhux bankarju Slovakk, ħlief għal persuni fiżiċi matul is-soġġorn tagħhom fl-esteru;<br><br>(b) isiru pagamenti ta' kapital barra l-pajjiż;<br><br>(c) jinkiseb kreditu finanzjarju minn kambju mhux residenti; ħlief il-krediti minn barra l-pajjiż aċċettati minn residenti b'perjodu ta' ripagament ta' aktar minn 3 snin u self mogħti bejn persuni fiżiċi għal attivitajiet mhux ta' negozju.<br><br>(v) Esportazzjoni u importazzjoni tal-munita Slovakka u kambju fi flus li jeċċedu l-valur ta' 150 000 SKK u buljon, huma suġġetti għal rekwiżiti ta' rappurtar.<br><br>(vi) Permess jew liċenzja ta' negozju tal-kambju mogħti mill-awtoritajiet tal-kambju huwa meħtieġ għal depożitu ta' assi finanzjarji minn residenti barra l-pajjiż<br><br>(vii) Entitajiet li jaħdmu fis-suq tal-kambju stabbiliti fir-Repubblika Slovakka biss jistgħu jagħtu u jirċievu garanziji u obbligazzjonijiet skont il-limiti u d-dispożizzjonijiet tal-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja.<br><br>SI:<br><br>Parteċipazzjoni fil-ħruġ tal-bonds tat-Teżor, l-immaniġġjar tal-fondi tal-pensjonijiet u servizzi ta' konsulenza relatati kif ukoll servizzi finanzjarji awżiljari oħra: Bla restrizzjonijiet.<br><br>Subsetturi B.11. u B.12. (forniment u trasferiment ta' tagħrif finanzjarju, servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra, minbarra dawk relatati ma' parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' bonds tat-Teżor u mal-immaniġġjar tal-fondi tal-pensjonijiet): L-ebda. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-subsetturi l-oħrajn kollha:<br><br>Bla restrizzjonijiet ħlief rigward l-aċċettazzjoni ta' krediti (teħid ta' self ta' kull tip) u l-aċċettazzjoni ta' garanziji u impenji minn istituzzjonijiet ta' kreditu barranin minn entitajiet ġuridiċi domestiċi u proprjetarji esklużivi. (Rimarka: krediti tal-konsumatur għandhom isiru bla ħlas malli tiġi adottata l-Liġi tal-Kambju).<br><br>L-arranġamenti ta' kreditu msemmija hawn fuq iridu jkunu rreġistrati mal-Bank tas-Slovenja. (Rimarka: din id-dispożizzjoni għandha tiġi abolita kif isseħħ l-adozzjoni tal-Liġi ġdida dwar l-Operat Bankarju.)<br><br>Persuni barranin jistgħu joffru titoli barranin biss permezz ta' banek u kumpaniji ta' senserija domestiċi. Membri tal-Borża tas-Slovenja jridu jkunu inkorporati fis-Slovenja. |
| | 2) Konsum barra l-pajjiż | BG:<br><br>Subsetturi B.1. sa B.10. (aċċettazzjoni ta' depożiti, self ta' kull tip, lokazzjoni finanzjarja, is-servizzi kollha ta' pagament u trasmissjoni tal-flus, garanziji u impenji, negozjar ta' titoli, parteċipazzjoni fi ħruġ ta' kull xorta ta' titoli, senseriji tal-flus, immaniġġjar tal-assi, u servizzi ta' saldu u kklerjar finanzjarju): Bla restrizzjonijiet<br><br>Subsetturi B.11. u B.12. (forniment u trasferiment ta' tagħrif finanzjarju, u servizzi ta' konsulenza): Rikwiżit tal-użu tan-network pubblika tat-telekomunikazzjoni, jew tan-network ta' operatur awtorizzat ieħor, fil-każ ta' konsum ta' dawn is-servizzi barra l-pajjiż. Bla restrizzjonijiet għall-intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari<br><br>CY Bla restrizzjonijiet, minbarra għas-subsettur B.6.(e) (negozjar f'titoli trasferibbli): L-ebda.<br><br>CZ: Servizzi ta' ħruġ ta' munita minn bank mhux ċentrali, negozjar ta' prodotti derivattivi u ta' buljon, senserija tal-flus, immaniġġjar ta' assi, servizzi ta' saldu u kklerjar ta' prodotti derivattivi, servizzi ta' konsulenza u intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra marbuta ma' dawn l-attivitajiet: Bla restrizzjonijiet.<br><br>CZ: L-ebda ħlief:<br><br>Banek u fergħat ta' banek barranin stabbiliti fir-Repubblika Ċeka biss li jkollhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa biss jistgħu:<br><br>— jipprovdu servizzi ta' depożitu;<br><br>— jinnegozjaw assi tal-kambju;<br><br>— iħallsu pagamenti transfruntieri mhux fi flus.<br><br>Jinħtieġ permess tal-kambju maħruġ mill-Bank Nazzjonali Ċek jew mill-Ministeru tal-Finanzi fil-każ ta' residenti Ċeki mhux bankarji biex:<br><br>(a) jiftħu u jiffinanzjaw kont barra l-pajjiż minn residenti Ċeki;<br><br>(b) iħallsu pagamenti ta' kapital barra l-pajjiż (minbarra Investiment Dirett Barranin)<br><br>(c) jagħtu krediti finanzjarji u ta' garanziji,<br><br>(d) joperaw fid-direvattivi;<br><br>(e) jixtru titoli barranin ħlief fil-każijiet deskritti fl-Att dwar il-Kambju,<br><br>(f) joħorġu titoli barranin għan-negozjar pubbliku u mhux pubbliku fir-Repubblika Ċeka jew l-introduzzjoni tagħhom fis-suq domestiku.<br><br>DE: Ħruġ ta' titoli denominati f'Deutschmarks jista' jsir biss taħt l-immaniġġjar ewlieni ta' istituzzjoni tal-kreditu, sussidjarju jew fergħa, stabbiliti fil-Ġermanja.<br><br>FI: Pagamenti minn entitajiet tal-gvern (spejjeż) għandhom jiġu trasmessi permezz tal-Finnish Postal Giro System, mantenuta mill-Postipankki Ltd. Eżenzjoni minn dan ir-rekwiżit jista' jingħata għal raġuni speċjali mill-Ministeru tal-Finanzi. |

EL: L-istabbiliment huwa meħtieġ għall-provvista ta' servizzi ta' kustodja u servizzi depożitorji li jinvolvu l-amministrazzjoni ta' ħlasijiet ta' mgħax u ta' kapital dovuti fuq titoli maħruġa fil-Greċja.

HU: Bla restrizzjonijiet.

MT:

Subsetturi B.1. u B.2. (aċċettazzjoni ta' depożiti u għoti b'self ta' kull tip): L-ebda.

Subsettur B.11. (forniment u trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja): Bla restrizzjonijiet ħlief għall-provvista ta' tagħrif finanzjarju minn fornituri internazzjonali.

Subsetturi B.3. sa B.10. u B.12.: Bla restrizzjonijiet.

PL:

Subsettur B.11. (forniment u trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja): Rikwiżit tal-użu tan-network pubblika tat-telekomunikazzjoni, jew tan-network ta' operatur awtorizzat ieħor, fil-każ ta' konsum ta' dawn is-servizzi barra l-pajjiż.

Subsetturi B.1. sa B.10. u B.12.: Bla restrizzjonijiet.

RO: Il-ftuħ ta' kontijiet u użu ta' riżorsi ta' muniti barranin fl-esteru minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi Rumeni huwa permess biss b'permess minn qabel tal-Bank Nazzjonali tar-Rumanija. Bla restrizzjonijiet għas-subsetturi B.3. (lokazzjoni finanzjarja), B.7. (parteċipazzjoni fi ħruġ ta' kull tip ta' titoli), B.9. (immaniġġjar ta' assi) u B.10. (servizzi ta' saldu u kklerjar ta' assi finanzjarji)

SK: Negozjar ta' prodotti derivattivi u ta' buljon, senserija tal-flus, immaniġġjar ta' assi, u intermedjazzjoni: Bla restrizzjonijiet.

SK:

(i) Servizzi ta' depożitu huma ristretti għall-banek domestiċi u fergħat ta' banek barranin fir-Repubblika Slovakka.

(ii) Huma biss banek domestiċi, fergħat ta' banek barranin awtorizzati fir-Repubblika Slovakka u persuni li għandhom liċenzja tal-kambju li jistgħu jinnegozjaw f'assi tal-kambju. Membri tal-borża biss jistgħu jinnegozjaw fil-Borża ta' Bratislava. Residenti jistgħu jinnegozjaw fl-RM-System Slovakia bla ebda limitu u dawk li ma humiex residenti permezz ta' negozjanti tat-titoli biss.

(iii) Pagamenti transfruntieri mhux fi flus jistgħu jsiru biss minn banek domestiċi u fergħat ta' banek barranin awtorizzati fir-Repubblika Slovakka.

(iv) Hija meħtieġa liċenzja tal-kambju maħruġa mill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja biex:

(a) jinfetaħ kont fl-esteru minn resident mhux bankarju Slovakk, ħlief għal persuni fiżiċi matul is-soġġorn tagħhom fl-esteru;

(b) isiru pagamenti ta' kapital barra l-pajjiż;

(c) jinkiseb kreditu finanzjarju minn kambju mhux residenti; ħlief il-krediti minn barra l-pajjiż aċċettati minn residenti b'perjodu ta' ripagament ta' aktar minn tliet snin u self mogħti bejn persuni fiżiċi għal attivitajiet mhux ta' negozju.

(v) Esportazzjoni u importazzjoni tal-munita Slovakka u l-kambju fi flus li jeċċedu l-valur ta' 150 000 SKK u buljon huma suġġetti għal rekwiżiti ta' rappurtar.

(vi) Permess jew liċenzja ta' negozju tal-kambju mogħti mill-awtoritajiet tal-kambju huwa meħtieġ għal depożitu ta' assi finanzjarji minn residenti barra l-pajjiż

(vii) Entitajiet li jaħdmu fis-suq tal-kambju stabbiliti fir-Repubblika Slovakka biss jistgħu jagħtu u jirċievu garanziji u obbligazzjonijiet skont il-limiti u d-dispożizzjonijiet tal-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja.

| | | |
|---|---|---|
| | | SI:<br><br>Parteċipazzjoni fil-ħruġ tal-bonds tat-Teżor, l-immaniġġjar tal-fondi tal-pensjonijiet u servizzi ta' konsulenza relatati kif ukoll servizzi finanzjarji awżiljari oħra: Bla restrizzjonijiet.<br><br>Subsetturi B.11. u B.12. (forniment u trasferiment ta' tagħrif finanzjarju, servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra, minbarra dawk relatati ma' parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' bonds tat-Teżor u mal-immaniġġjar tal-fondi tal-pensjonijiet): L-ebda.<br><br>Is-subsetturi l-oħrajn kollha:<br><br>Bla restrizzjonijiet ħlief rigward l-aċċettazzjoni ta' krediti (teħid ta' self ta' kull tip) u l-aċċettazzjoni ta' garanziji u impenji minn istituzzjonijiet ta' kreditu barranin minn entitajiet ġuridiċi domestiċi u proprjetarji esklużivi. (Rimarka: krediti tal-konsumatur għandhom isiru bla ħlas malli tiġi adottata l-Liġi tal-Kambju).<br><br>L-arranġamenti ta' kreditu msemmija hawn fuq iridu jkunu rreġistrati mal-Bank tas-Slovenja. (Rimarka: din id-dispożizzjoni għandha tiġi abolita kif isseħħ l-adozzjoni tal-Liġi ġdida dwar l-Operat Bankarju.)<br><br>Entitajiet ġuridiċi stabbiliti fis-Slovenja jistgħu jkunu depożitarji tal-assi tal-Fondi għall-Investiment.<br><br>UK: Ħarġiet tal-isterlina, inkluż ħarġiet privati, jistgħu jsiru biss taħt l-immaniġġjar ewlieni minn ditta stabbilita fiż-Żona Ekonomika Ewropea. |
| | 3) Preżenza kummerċjali | L-Istati Membri kollha:<br><br>Huwa meħtieġ li titwaqqaf kumpanija tal-immaniġġjar speċjalizzata biex jitwettqu attivitajiet ta' mmaniġġjar ta' fiduċjarji ta' unitajiet u kumpaniji ta' investiment (Artikoli 16 sa 21 u 28 sa 31 tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] (id-'Direttiva tal-UCITS')).<br><br>Huma biss impriżi bl-uffiċċju tagħhom reġistrat fil-Komunità li jistgħu jaġixxu bħala depożitorji tal-assi ta' fondi ta' investiment (Artikolu 23 tad-Direttiva tal-UCITS).<br><br>AT: Membri tal-Borża Awstrijaka biss jistgħu jinvolvu ruħhom f'negozjar ta' titoli fil-Borża.<br><br>AT: Għan-negozjar fil-kambju u f'muniti barranin tinħtieġ awtorizzazzjoni mill-Bank Nazzjonali Awstrijak.<br><br>AT: Bonds ipotekarji u bonds muniċipali jistgħu jinħarġu minn banek speċjalizzati u awtorizzati biex iwettqu din l-attività.<br><br>AT: Għat-twettiq ta' servizzi ta' mmaniġġjar ta' fondi tal-pensjonijiet hija meħtieġa kumpanija speċjalizzata għal din l-attività biss u inkorporata bħala kumpanija b'ishma fl-Awstrija.<br><br>BE: Kwalunkwe offerta pubblika biex jinkisbu t-titoli Belġjani magħmula minn jew f'isem persuna, kumpanija jew istituzzjoni barra l-ġurisdizzjoni ta' xi Stat Membru tal-Komunità Ewropea jenħtieġ li tiġi ppreżentata għall-awtorizzazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi.<br><br>BG:<br><br>Subsetturi B.1. sa B.5. (aċċettazzjoni ta' depożiti, għoti ta' self ta' kull xorta, lokazzjoni finanzjarja, servizzi kollha ta' pagamenti u trażmissjoni ta' flus, garanziji u impenji).<br><br>Banek barranin li jkollhom il-ħsieb jistabbilixxu ruħhom fil-Bulgarija jridu jkunu awtorizzati taħt il-liġi nazzjonali tagħhom u ma jridux ikunu pprojbiti milli jwettqu attivitajiet bankarji fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom u fil-pajjiżi fejn joperaw. Bla restrizzjonijiet għall-*caisses populaires*.<br><br>Akkwist, dirett jew indirett, ta' ishma li jirrappreżentaw 5 % jew iżjed tad-dritt tal-vot ta' bank stabbilit huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni mill-Bank Nazzjonali Bulgaru. Kriterji għall-awtorizzazzjoni huma prudenzjali u konsistenti mal-obbligi tal-Artikoli XVI u XVII tal-GATS. |

| | | |
|---|---|---|
| | | L-akkwist dirett jew indirett ta' parteċipazzjoni f'kumpanija li mhix bank, minn bank, ta' aktar minn 10 % tal-kapital ta' din l-intrapriża huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Bank Nazzjonali Bulgaru.<br><br>Jista' jingħata status ta' fornituri esklussivi fir-rigward ta' servizzi ta' depożiti u ta' trażmissjoni tal-flus ipprovduti lill-istituzzjonijiet pubbliċi ffinanzjati mill-baġit.<br><br>Kundizzjoni tal-residenza permanenti fir-rigward ta' diretturi eżekuttivi tal-korp maniġerjali li jaġixxi f'isem u għal bank.<br><br>Bla restrizzjonijiet għall-garanziji tat-Teżor tal-Istat.<br><br>Subsetturi B.6., B.7. u B.9. (negozjar ta' titoli, parteċipazzjoni fi ħruġ ta' kull tip ta' titoli, immaniġġjar ta' assi):<br><br>Ristrett għall-intemedjarji tal-investiment, kumpaniji tal-investiment u l-boroż stabbiliti bħala kumpaniji b'ishma konġunti liċenzjati mill-Kummissjoni ta' Superviżjoni Finanzjarja (FSC). L-għoti tal-liċenzja rilevanti huwa relatat mar-rekwiżiti maniġerjali u tekniċi kif ukoll mar-rekwiżiti relatati mal-protezzjoni tal-investituri.<br><br>Borża li tkun kumpanija b'ishma konġunti: Kundizzjonijiet ta' kapital minimu (BGN 100 000); mhux anqas minn 2/3 tal-kapital imqassam bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji (kumpaniji ta' assigurazzjoni, djar finanzjarji, intermedjarji tal-investiment); limitu ta' 5 % tal-kapital tal-Borża għall-parteċipazzjoni diretta jew indiretta minn azzjonist.<br><br>Intermedjarji tal-investiment: L-ebda għal attivitajiet ta' intermedjarji tal-investiment fit-territorju tal-Bulgarija, sakemm ma jkunx permess mill-FSC.<br><br>Biex jiġu nnegozjati titoli fil-borża hija meħtieġa s-sħubija fil-borża. Is-sħubija ta' intermedjarju tal-investiment hija limitata għal borża waħda biss fil-Bulgarija.<br><br>Kumpaniji tal-investiment: L-attivitajiet ta' bank, kumpanija tal-assigurazzjoni jew intermedjarju tal-investiment ma jitwettqux minn kumpanija tal-investiment.<br><br>Bla restrizzjonijiet għan-negozjar proprju jew għal klijent ta' strumenti u assi finanzjarji negozjabbli għajr titoli trasferibbli. Bla restrizzjonijiet għal parteċipazzjoni fi ħruġ ta' bonds tat-Teżor. Bla restrizzjonijiet għall-immaniġġjar ta' fondi tal-pensjonijiet.<br><br>Subsetturi B.8. u B.10. (senserija tal-flus, servizzi ta' saldu u kklerjar għal assi finanzjarji): Bla restrizzjonijiet.<br><br>Subsetturi B.11. u B.12. (forniment u trasferiment ta' tagħrif finanzjarju, u servizzi ta' konsulenza): Rekwiżit għall-użu tan-netwerk pubbliku tat-telekomunikazzjoni, jew tan-netwerk ta' operatur ieħor awtorizzat. Bla restrizzjonijiet għall-intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra<br><br>CY: Huwa rekwiżit statutorju, applikat f'mod mhux diskriminatorju, li banek li joffru servizzi f'Ċipru jridu jkunu entitajiet ġuridiċi. Entitajiet ġuridiċi jinkludu fergħat ta' banek/istituzzjonijiet finanzjarji barranin li huma rreġistrati f'Ċipru.<br><br>CY: Sjieda diretta jew indiretta jew drittijiet tal-vot f'bank minn persuna u s-soċji tiegħu/tagħha ma jistgħux jaqbżu l-10 % sakemm ma jkunx hemm approvazzjoni bil-miktub minn qabel mill-Bank Ċentrali.<br><br>CY: Minbarra dak ta' hawn fuq, fit-tliet banek lokali eżistenti elenkati fil-Borża, sjieda diretta jew indiretta ta' ishma jew l-akkwiżizzjoni ta' interess fil-kapital tagħhom minn persuni barranin huwa ristrett għal 0.5 % kull individwu jew organizzazzjoni u għal 6 % kollettivament.<br><br>CY:<br><br>Subsetturi B.1. sa B.5. u B.6.(b) (aċċettazzjoni ta' depożiti, għoti b'self ta' kull xorta, lokazzjoni finanzjarja, servizzi kollha ta' pagamenti u ta' trażmissjoni ta' flus, garanziji u impenji, u negozjar tal-kambju):<br><br>Il-rekwiżiti li ġejjin japplikaw għall-banek ġodda:<br><br>(a) Hija meħtieġa liċenzja mill-Bank Ċentrali għat-twettiq ta' operat bankarju. Meta jagħti liċenzja l-Bank Ċentrali jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. |

| | | |
|---|---|---|
| | | (b) Fergħat ta' banek barranin iridu jkun rreġistrati f'Ċipru taħt il-Liġi tal-Kumpaniji u mogħtija liċenzja taħt il-Liġi tal-Banek.<br><br>Subsettur B.6.(e) (negozjar ta' titoli trasferibbli):<br><br>Membri (sensara) tal-Borża ta' Ċipru biss jistgħu jwettqu negozju relatat mas-senserija tat-titoli f'Ċipru. Ditti li jaġixxu ta' sensara jridu jimpjegaw biss individwi li jistgħu jaġixxu bħala sensara sakemm dawn ikunu liċenzjati kif suppost. Il-banek u l-kumpanija tal-assigurazzjoni ma jistgħux jissottoskrivu.<br><br>Ditta tas-senserija tista' tkun reġistrata biss bħala membru tal-Borża ta' Ċipru jekk tkun stabbilita u rreġistrata skont il-Liġi tal-Kumpaniji ta' Ċipru.<br><br>Subsettur B.6. (a), (c), (d) u (f), u B.7. to B.12.: Bla restrizzjonijiet.<br><br>CZ: Servizzi ta' ħruġ ta' munita minn bank li mhux ċentrali, negozjar ta' prodotti derivattivi u tas-suq tal-buljon, senserija tal-flus, servizzi ta' saldu u ta' kklerjar għal prodotti derivattivi, servizzi ta' konsulenza, intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra relatati ma' dawn l-attivitajiet: Bla restrizzjonijiet.<br><br>CZ: L-ebda ħlief:<br><br>Is-servizzi bankarji jistgħu jiġu pprovduti biss minn banek stabbiliti fir-Repubblika Ċeka jew minn fergħat ta' banek barranin li jkollhom il-liċenzja maħruġa mill-Bank Nazzjonali Ċek bi ftehim mal-Ministeru tal-Finanzi.<br><br>L-għoti tal-liċenzja huwa bbażata fuq il-konsiderazzjonijiet ta' kriterji li jiġu applikati b'mod konsistenti mal-GATS. Servizzi ta' self ipotekarju jistgħu jiġu pprovduti biss minn banek stabbiliti Ċeki.<br><br>Il-banek jistgħu jkunu stabbiliti biss bħala kumpaniji b'ishma konġunti. Ix-xiri ta' ishma f'banek eżistenti huwa suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Nazzjonali Ċek.<br><br>It-titoli jistgħu jiġu nnegozjati pubblikament biss jekk tingħata l-awtorizzazzjoni rilevanti u l-prospectus li jkopri t-titoli jkun ġie approvat.<br><br>L-awtorizzazzjoni ma għandiex tingħata jekk in-negozjar pubbliku fit-titoli jkun f'kunflitt mal-interessi tal-investituri, ikun inkonsistenti mal-politika finanzjarja tal-gvern jew ma jkunx konformi mar-rekwiżiti finanzjarji tas-suq. ([3])<br><br>L-istabbiliment u l-attivitajiet ta' negozjanti tat-titoli, sensara finanzjarji, tal-Borża jew organizzaturi ta' suq barra l-borża, kumpaniji tal-investiment u fondi tal-investiment huma soġġetti għal awtorizzazzjoni li tingħata skont il-kwalifiki, l-integrità personali, l-immaniġġjar u r-rekwiżiti materjali relatati.<br><br>Servizzi ta' saldu u kklerjar għal kull xorta ta' pagamenti huma mmonitorjati u rieżaminati mill-Bank Nazzjonali Ċek biex jiġi ggarantit l-operat ekonomiku u mingħajr intoppi tagħhom.<br><br>DK: L-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jinnegozjaw fit-titoli fuq il-Borża ta' Kopenħagen permezz tas-sussidjarji inkorporati fid-Danimarka biss.<br><br>FI: Mill-inqas nofs il-fundaturi, il-membri tal-bord tad-diretturi, il-bord tas-superviżjoni u d-delegati, id-direttur maniġerjali, id-detentur tal-prokura u l-persuna ntitolata tiffirma f'isem l-istituzzjoni tal-kreditu għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fiż-Żona Ekonomika Ewropea sakemm il-Ministeru tal-Finanzi ma jagħtix eżenzjoni. Għall-inqas wieħed mill-awdituri għandu jkun residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea.<br><br>FI: Il-sensar (persuna individwali) f'borża tad-derivattivi għandu jkollu l-post tiegħu ta' residenza fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Tista' tingħata eżenzjoni minn dan ir-rekwiżit taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Ministeru tal-Finanzi.<br><br>FI: Pagamenti minn entitajiet tal-gvern (spejjeż) għandhom jiġu trasmessi permezz tal-Finnish Postal Giro System, mantenuta mill-Postipankki Ltd. Eżenzjoni minn dan ir-rekwiżit jista' jingħata għal raġuni speċjali mill-Ministeru tal-Finanzi. |

| | | |
|---|---|---|
| | | FR: Minbarra l-istituzzjonijiet Franċiżi ta' kreditu, huma biss sussidjarji Franċiżi (taħt illiġi Franċiża) ta' banek mhux Franċiżi li huma awtorizzati, fuq bażi ta' mezzi u impenji suffiċjenti f'Pariġi tas-sussidjarju Franċiż kandidat ta' bank mhux Franċiż. Dawn il-kundizzjonijiet japplikaw għal banek mexxejja li jżommu l-kotba. Bank mhux Franċiż jista' jkollu, mingħajr restrizzjonijiet jew rekwiżit ta' stabbiliment, tmexxija konġunta jew maniġer kap konġunt ta' ħarġa ta' bond Eurofranc.<br><br>EL: L-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jinnegozjaw titoli elenkati fil-Borża ta' Ateni permezz ta' ditti fil-Borża inkorporati fil-Greċja biss.<br><br>EL: Għall-istabbiliment u l-operazzjonijiet tal-fergħat għandu jiġi impurtat ammont minimu ta' kambju barrani, konvertit fi drakmi u miżmum fil-Greċja sakemm bank barrani jibqa' jopera fil-Greċja:<br><br>Sa erba' fergħat, dan il-minimu bħalissa huwa ugwali għal nofs l-ammont minimu tal-kapital f'ishma meħtieġ għal istituzzjoni ta' kreditu inkorporata fil-Greċja;<br><br>Għall-operat ta' fergħat addizzjonali l-ammont minimu ta' kapital irid ikun daqs issomma minima ta' kapital f'ishma għal istituzzjoni ta' kreditu inkorporata fil-Greċja.<br><br>HR: Ebda, ħlief għal servizzi ta' saldu u kklirjar fejn l-Aġenzija Depożitarja Ċentrali (CDA) tkun l-uniku fornitur fil-Kroazja. Aċċess għas-servizzi tas-CDA jingħata lill-persuni mhux residenti fuq bażi nondiskriminatorja.<br><br>HU: Hemm il-ħsieb li l-fergħat diretti jiġu ristretti la darba tintrabat fil-GATS, u bil-kondizzjonijiet stabbiliti fih.<br><br>HU: Sjieda diretta jew indiretta jew id-drittijiet tal-vot f'istituzzjoni tal-kreditu ta' azzjonist wieħed, ħlief istituzzjoni tal-kreditu, kumpanija tal-assigurazzjoni jew ditta tal-investiment ma jistgħux jaqbżu l-15 %.<br><br>HU: Il-bord ta' istituzzjoni finanzjarja għandu jinkludi mill-anqas żewġ membri, ċittadini Ungeriżi, residenti fis-sens tar-regolamenti rilevanti tal-kambju u li ilhom residenti permanenti fl-Ungerija għal mill-anqas sena.<br><br>HU: Sjieda mill-Istat fuq perjodu twil tinżamm fil-livell ta' vot minimu ta' 25 % + 1 f'Országos Takarékpénztár és Kereskedelmi Bank Rt.<br><br>IE: Fil-każ ta' skemi kollettivi ta' investiment kostitwiti bħala unitajiet fiduċjarji u kumpaniji b'kapital varjabbli (ħlief intrapriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli, UCITS), il-fiduċjarju/depożitorju u l-kumpanija tal-immaniġġjar huma meħtieġa jkunu inkorporati fl-Irlanda jew fi Stat Membru ieħor tal-Komunità. Fil-każ ta' sħubija ta' investiment b'responsabbiltà limitata, mill-inqas soċju ġenerali wieħed irid ikun inkorporat fl-Irlanda.<br><br>IE: Biex issir membru tal-Borża fl-Irlanda, entità jeħtiġilha (1) tkun awtorizzata fl-Irlanda, li jfisser li trid tkun inkorporata fi jew sħab ma' uffiċċju prinċipali/reġistrat fl-Irlanda, jew 2. tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor skont id-Direttiva 2014/65/UE.<br><br>IE: Għall-provvista ta' servizzi ta' investiment jew konsulenza dwar l-investiment jeħtieġ 1. awtorizzazzjoni fl-Irland, li normalment ikollha bżonn li l-entità tkun inkorporata jew sħab jew neguzjat esklusiv, f'kull każ ma' uffiċċju prinċipali/reġistrat fl-Irlanda (l-awtorità tas-superviżjoni tista' wkoll tawtorizza fergħat ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi), jew 2. awtorizzazzjoni fi Stat Membru ieħor skont id-Direttiva 2014/65/UE.<br><br>IT: L-offerta pubblika ta' titoli (skont l-Artikolu 18 tal-Liġi 216/74) ħlief għal ishma, titoli ta' dejn (inklużi titoli tad-dejn konvertibbli) tista' ssir biss minn kumpaniji Taljani b'responsabbiltà limitata, kumpaniji barranin awtorizzati kif xieraq, korpi pubbliċi jew kumpaniji li jappartienu għal awtoritajiet lokali li l-kapital assenjat tagħhom ma jkunx inqas minn ITL 2 biljuni. |

| | | |
|---|---|---|
| | | IT: Depożitu ċentralizzat, servizzi ta' kustodja u ta' amministrazzjoni jistgħu jiġu pprovduti biss mill-Bank tal-Italja għat-titoli Governattivi, jew minn Monte Titoli SpA għall-ishma, titoli ta' natura parteċipattiva u bonds oħra nnegozjati f'suq regolat.<br><br>IT: Fil-każ ta' skemi kollettivi tal-investiment ħlief UCITS armonizzati taħt id-Direttiva 2009/65/KE, il-fiduċjarju/depożitorju huwa meħtieġ li jkun inkorporat fl-Italja jew fi Stat Membru ieħor tal-Komunità Ewropea, u stabbilit fl-Italja permezz ta' fergħa. Dawk il-banek, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni, kumpaniji ta' investiment f'titoli li għandhom l-uffiċċju ġuridiku prinċipali tagħhom fil-Komunità biss jistgħu jwettqu attività ta' mmaniġġjar ta' riżorsi ta' fondi tal-pensjonijiet. Kumpanniji tal-immaniġġjar (fondi ta' investiment b'kapital fiss u fondi ta' investiment fil-proprjetà) ukoll jeħtieġ li jkunu inkorporati fl-Italja.<br><br>IT: Biex ibiegħu bieb bieb, l-intermedjarji jridu iħaddmu bejjiegħa finanzjarji awtorizzati residenti fit-territorju ta' Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej.<br><br>IT: Is-saldu u l-ikklerjar tat-titoli jistgħu jsiru biss mis-sistema uffiċċjali tal-ikklerar. Kumpanija awtorizzata mill-Bank tal-Italja bi qbil ma' Consob tista' tiġi fdata bl-attività tal-ikklerjar, sas-saldu finali tat-titoli.<br><br>IT: L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intermedjarji barranin ma jistgħux iwettqu attivitajiet bliskop li joffru servizzi ta' investiment.<br><br>LV:<br><br>Subsettur B.7. (parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull xorta ta' titoli): Il-Bank tal-Latvja (Bank Ċentrali) huwa aġent finanzjarju tal-gvern fis-suq tal-kambjali tat-Teżor.<br><br>Subsettur B.9. (Immaniġġjar tal-assi): L-immaniġġjar ta' fondi tal-pensjonijiet huwa pprovdut mill-monopolju tal-Istat.<br><br>LT:<br><br>Subsetturi B.1. sa B.12.: Mill-inqas maniġer wieħed irid ikun ċittadin tar-Repubblika tal-Litwanja.<br><br>Subsettur B.3. (lokazzjoni finanzjarja): Lokazzjoni finanzjarja tista' tkun riservata għal istituzzjonijiet finanzjarji speċjali (bħal mhuma banek u kumpaniji tal-assigurazzjoni). Lebda mill-1 ta' Jannar 2001, ħlief kif indikat fil-Parti orizzontali tat-Taqsima 'Banek u Servizzi Finanzjarji Oħra'.<br><br>Subsettur B.9. (Immaniġġjar tal-assi): Stabbiliment biss bħala Korporazzjonijiet ta' Stokk Pubbliku (AB) u Korporazzjonijiet Magħluqin (UAB) li għandhom ikunu mwaqqfin b'mod magħluq (fejn il-istokk kollu li jkun inħareġ inizjalment jiġi akkwistat mill-inkorporaturi). Għall-fini ta' mmaniġġjar tal-assi, huwa neċessarju t-twaqqif ta' kumpanija tal-immaniġġjar speċjalizzata. Dawk id-ditti li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fil-Litwanja biss jistgħu jkunu depożitorji tal-assi.<br><br>MT:<br><br>Subsetturi B.1. u B.2. (aċċettazzjoni ta' depożiti u għoti b'self ta' kull tip): Kreditu b'sjieda barranija u istituzzjonijiet finanzjarji oħra jistgħu joperaw jew taħt forma ta' fergħa jew ta' sussidjarju lokali. Awtorizzazzjoni tista' tkunu soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>Subsetturi B.3. sa B.12.: Bla restrizzjonijiet.<br><br>PL:<br><br>Subsettur B.1., B.2., B.4. u B.5. (minbarra garanziji u impenji tat-Teżor Statali): Stabbiliment ta' bank taħt forma ta' kumpanija b'ishma konġunti jew fergħa liċenzjata biss. Sistema ta' permessi fir-rigward tal-istabbiliment tal-banek kollha hija bbażata fuq raġunijiet prudenzjali. Rekwiżit taċ-ċittadinanza għal uħud – tal-anqas wieħed – mill-eżekuttivi tal-bank.<br><br>Subsetturi B.6. (e), B.7. (eskluża l-parteċipazzjoni f'ħarġiet ta' karti tat-Teżor), B.9. (servizzi ta' mmaniġġjar tal-portafoll) u B.12. (Servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra biss fir-rigward ta' attivitajiet impenjati fil-Polonja): L-istabbiliment, wara l-ksib ta' liċenzja, taħt forma ta' kumpanija b'ishma konġunti jew fergħa ta' entità ġuridika barranija biss li tipprovdi servizzi ta' titoli. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Subsettur B.11. Rekwiżit tal-użu ta' network pubbliku tat-telekomunikazzjoni, jew ta' network ta' operatur awtorizzat ieħor, fil-każ ta' provvista transfruntiera u/jew il-konsum barra mill-pajjiż ta' dawn is-servizzi.<br><br>Is-subsetturi l-oħrajn kollha: Bla restrizzjonijiet.<br><br>PT: L-istabbiliment ta' banek mhux mill-KE huwa soġġett għal awtorizzazzjoni maħruġa, każ b'każ, mill-Ministeru tal-Finanzi. L-istabbiliment irid jikkontribwixxi għaż-żieda fl-effiċjenza tas-sistema bankarja nazzjonali jew tipproduċi effett sinifikanti fuq l-internazzjonalizzazzjoni tal-ekonomija Portugiża.<br><br>PT: Servizzi ta' kapitali ta' riskju ma jistgħux ikunu pprovduti minn fergħat ta' kumpaniji b'kapitali ta' riskju li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'pajjiż li mhux fil-KE. Servizzi ta' sensara-negozjanti fil-Borża ta' Liżbona jistgħu jiġu fornuti minn kumpaniji ta' sensara u negozjanti inkorporati fil-Portugall jew minn fergħat ta' ditti ta' investiment awtorizzati f'pajjiż ieħor tal-KE u awtorizzati fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom sabiex jipprovdu dawn is-servizzi. Servizzi ta' sensara u negozjanti fil-Borża tad-Derivattivi ta' Oporto u fis-suq OTC ma jistgħux jiġu pprovduti minn fergħat ta' kumpaniji ta' sensara u negozjanti mhux mill-KE.<br><br>L-immaniġġjar ta' fondi tal-pensjonijiet jista' jsir biss minn kumpaniji inkorporati fil-Portugall u minn kumpanniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-Portugall u awtorizzati sabiex jagħtu servizz ta' assigurazzjoni tal-ħajja.<br><br>RO: Il-kumpanija tat-titoli (senserija) trid tkun entità ġuridika Rumena stabbilita bħala kumpanija b'ishma konġunti taħt il-liġi Rumena, u għandu jkollha bħala għan kummerċjali esklużiv l-intermedjazzjoni tat-titoli Kull offerta lill-pubbliku ta' titoli, qabel tiġi ppubblikati tkun tenħtieġ l-awtorizzazjoni tal-prospett tagħha mill-Kummissjoni Nazzjonali tat-Titoli tar-Rumanija Kumpanniji li jwettqu mmaniġġjar tal-assi jridu jkunu stabbiliti bħala kumpaniji b'ishma konġunti taħt il-liġi Rumena. fondi ta' investiment miftuħa iridu jkunu stabbiliti skont il-liġi Rumena. Bla restrizzjonijiet għal-lokazzjoni finanzjarja. Bla restrizzjonijiet għan-negozjar proprju jew għal klijent ta' strumenti u assi finanzjarji negozjabbli għajr titoli trasferibbli.<br><br>SK: Negozjar ta' prodotti derivattivi u ta' buljon, senserija tal-flus, u intermedjazzjoni: Bla restrizzjonijiet.<br><br>SK: Servizzi bankarji jistgħu jiġu pprovduti biss minn banek domestiċi jew minn fergħat ta' banek barranin awtorizzati mill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja bi Ftehim mal-Ministeru tal-Finanzi. L-għoti tal-awtorizzazzjoni huwa bbażat fuq il-konsiderazzjoni tal-kriterji li jirrigwardaw, b'mod partikolari, l-ammont ta' kapital tal-kumpanija (is-saħħa finanzjarja), il-kwalifiki professjonali, l-integrità u l-kompetenza tal-maniġment tal-attivitajiet bankarji proġettati. Il-banek huma entitajiet ġuridiċi inkorporati fir-Repubblika Slovakka, imwaqqfa bħala kumpaniji b'ishma konġunti jew istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi (tal-Istat).<br><br>Ix-xiri tal-ishma b'espressjoni ta' interess fil-kapital ta' ekwità ta' bank kummerċjali eżistenti mil-limitu stabbilit huwa suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja. Servizzi tal-investiment fir-Repubblika Slovakka jistgħu jingħataw minn banek, kumpaniji tal-investiment, fondi ta' investiment u negozjanti tat-titoli li għandhom forma ġuridika ta' kumpanija bl-ishma b'kapital ta' ekwità skont il-liġi. Kumpaniji tal-investiment jew fondi tal-investiment barranin iridu jġibu l-awtorizzazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi biex ibigħu t-titoli tagħhom jew unitajiet ta' ċertifikati ta' investiment fit-territorju tar-Repubblika Slovakka skont il-liġi domestika. Biex jinħarġu titoli ta' djun, jinħtieġ il-permess tal-Ministeru tal-Finanzi kemm biex jinħarġu fil-pajjiż kif ukoll biex jinħarġu barra l-pajjiż.<br><br>It-titoli jistgħu jinħarġu u jiġu nnegozjati biss wara li jingħata permess mill-Ministeru tal-Finanzi għal negozjar pubbliku skont l-Att dwar it-Titoli. Ix-xogħol ta' negozjant tat-titoli, ta' sensar tat-titoli jew tal-organizzaturi ta' suq barra l-borża huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi. Servizzi ta' saldu u kklerjar għal kull xorta ta' pagamenti huma rregolati mill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Servizzi ta' saldu u kklerjar relatati ma' tibdil tal-proprjetà fiżika ta' titoli huma rreġistrati fiċ-Ċentru tat-titoli (Kamra tal-Ikklerjar u tas-Saldu tat-titoli). Iċ-Ċentru tat-Titoli jista' jwettaq biss trasferimenti fil-kontijiet tal-proprjetà tas-sidien tat-titoli. Ikklerjar u saldu parzjali fi flus jgħaddi mill-Kamra tal-Ikklerjar u ts-Saldu - (fejn il-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja huwa azzjonist ewlieni) għal Borża ta' Bratislava, kumpanija b'ishma konġunti, jew minn kont Jumbo għall-RM-System Slovakia.<br><br>SI:<br><br>Parteċipazzjoni fil-ħruġ tal-bonds tat-Teżor, l-immaniġġjar tal-fondi tal-pensjonijiet u servizzi ta' konsulenza relatati kif ukoll servizzi finanzjarji awżiljari oħra: Bla restrizzjonijiet.<br><br>Subsetturi B.11. u B.12. (forniment u trasferiment ta' tagħrif finanzjarju, servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra, minbarra dawk relatati ma' parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' bonds tat-Teżor u mal-immaniġġjar tal-fondi tal-pensjonijiet): L-ebda.<br><br>Is-sottosetturi l-oħrajn kollha:<br><br>It-twaqqif ta' kull xorta ta' bank huwa suġġett għal liċenzja maħruġa mill-Bank tas-Slovenja.<br><br>Persuni barranin jistgħu jsiru azzjonisti ta' banek jew jakkwistaw ishma addizzjonali ta' banek biss jekk ikollhom l-approvazzjoni minn qabel tal-Bank tas-Slovenja. (Rimarka: din id-dispożizzjoni għandha tiġi abolita kif tiġi adottata l-Liġi ġdida dwar l-Operat Bankarju.)<br><br>Skont il-liċenzja maħruġa mill-Bank tas-Slovenja, banek, sussidjarji u fergħat ta' banek barranin jistgħu jitħallew jipprovdu s-servizzi bankarji kollha jew uħud minnhom, skont l-ammont tal-kapital.<br><br>Meta jitqies l-għoti ta' liċenzja lil bank sabiex jitwaqqaf bi sjieda kompleta jew b'maġġoranza ta' investituri barranin jew meta titqies l-approvazzjoni tal-akkwist ta' ishma addizzjonali ta' banek, il-Bank tas-Slovenja għandu jqis il-linji ta' gwida li ġejjin ([4]):<br><br>— l-eżistenza ta' investituri minn pajjiżi differenti; u<br><br>— l-opinjoni tal-istituzzjoni barranija inkarigata bis-superviżjoni bankarja.<br><br>(Rimarka: din id-dispożizzjoni għandha tiġi abolita mal-adozzjoni tal-Liġi l-ġdida dwar l-Operat Bankarju.)<br><br>Bla restrizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' parteċipazzjoni barranija f'banek taħt privatizzazzjoni.<br><br>Fergħat ta' banek barranin iridu jkunu inkorporati fis-Slovenja u għandu jkollhom personalità ġuridika.<br><br>(Rimarka: din id-dispożizzjoni għandha tiġi abolita kif tiġi adottata l-Liġi ġdida dwar l-Operat Bankarju.) Bla restrizzjonijiet fir-rigward tat-tipi kollha ta' banek tal-ipoteka, istituzzjonijiet tat-tfaddil u tas-self.<br><br>Bla restrizzjonijiet rigward it-twaqqif ta' fondi tal-pensjonijiet privati (fondi ta' pensjoni mhux obbligatorji).<br><br>Kumpaniji ta' maniġment huma kumpaniji kummerċjali mwaqqfin unikament biex jimmaniġġjaw fondi għall-investiment.<br><br>Persuni barranin jistgħu, direttament jew indirettament, jiksbu massimu ta' 20 % tal-ishma jew tad-drittijiet tal-vot ta' kumpaniji tal-immaniġġjar; għal perċentwal ikbar jekk tiġi li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Aġenzija tas-Suq tat-titoli.<br><br>Kumpanija tal-Investiment Awtorizzata (fi privatizzazzjoni) hija kumpanija tal-investiment stabbilita bil-għan uniku li tiġbor ċertifikati (vawċers) tas-sjieda u għax-xiri ta' ishma maħruġin skont regolamenti li jirregolaw it-trasformazzjoni tas-sjieda. Kumpanija tal-Immaniġġjar Awtorizzata hija mwaqqfa unikament sabiex timmaniġġja l-kumpaniji tal-immaniġġjar awtorizzati.<br><br>Persuni barranin jistgħu, direttament jew indirettament, jakkwistaw massimu ta' 10 % tal-ishma jew tad-drittijiet tal-vot tal-Kumpanniji tal-Immaniġġjar Awtorizzati (privatizzazzjoni); għal perċentwal ikbar tenħtieġ l-approvazzjoni tal-Aġenzija tas-Suq tat-Titoli bil-kunsens tal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi u l-Iżvilupp. |

| | | |
|---|---|---|
| | | L-investimenti tal-Fondi tal-Investiment f'titoli maħruġin minn barranin huwa limitat għall-10 % tal-investimenti tal-Fondi tal-Investiment. Dawn it-titoli għandhom ikunu elenkati f'dawk il-Borża stabbiliti minn qabel mill-Aġenzija tas-Suq tat-Titoli.<br><br>Persuni barranin jistgħu jsiru azzjonisti jew soċji f'Kumpanija tas-Senserija tat-Titoli sa 24 % tal-kapital tal-Kumpanija tas-Senserija tat-Titoli permezz ta' approvazzjoni minn qabel tal-Aġenzija tas-Suq tat-Titoli. (Rimarka: din id-dispożizzjoni għandha tiġi abolita kif tiġi adottata l-Liġi ġdida dwar it-Titoli.)<br><br>Titoli maħruġin minn barranin li għadhom mhumiex disponibbli fit-territorju tas-Slovenja jistgħu jiġu offruti biss minn Kumpanija tas-Senserija tat-Titoli jew minn bank li għandu liċenzja jwettaq dawn it-tranżazzjonijiet. Qabel ma jniedi l-offerta l-Kumpanija tas-Senserija tat-Titoli jew il-bank għandhom jiksbu l-permess tal-Aġenzija tas-Suq tat-Titoli.<br><br>It-talba għal dan il-permess biex jiġu offruti titoli maħruġa minn barranin fis-Slovenja għandha tkun akkumpanjata minn abbozz tal-prospett, dokumentazzjoni li turi li l-garanti tal-ħruġ tat-titoli maħruġa minn barranin huwa bank jew kumpanija tas-senserija tat-titoli, ħlief fil-każ ta' ħruġ ta' ishma maħruġa minn barranin.<br><br>SE: Impriżi li mhumiex inkorporati fl-Iżvezja jistgħu jistabbilixxu preżenza kummerċjali permezz ta' fergħa biss, u fil-każ ta' banek, permezz ukoll ta' uffiċċju rappreżentattiv.<br><br>SE: Fundatur ta' kumpanija bankarja għandu jkun persuna fiżika residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew bank barrani. Fundatur ta' bank tat-tfaddil għandu jkun persuna fiżika residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea.<br><br>UK: Sensara bejn in-negozjanti, li huma kategorija ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jinnegozjaw fid-dejn tal-Gvern, jeħtieġ li jkunu stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea u li jkollhom kapital separat |
| | 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi | CY:<br><br>Subsettur B.6.(e) (negozjar ta' titoli trasferibbli): Individwi, kemm jekk qed jaħdmu ta' sensara waħedhom kif ukoll jekk impjegati minn ditti ta' sensara, huma meħtieġa josservaw il-kriterji tal-liċenzjar għal dan il-għan.<br><br>Subsetturi B.1. sa B.12., barra B.6. (e): Bla restrizzjonijiet.<br><br>CZ:<br><br>Servizzi ta' ħruġ ta' munita minn bank li mhux ċentrali, negozjar ta' prodotti derivattivi u tas-suq tal-buljon, senserija tal-flus, servizzi ta' saldu u ta' kklerjar għal prodotti derivattivi, servizzi ta' konsulenza, intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra relatati ma' dawn l-attivitajiet: Bla restrizzjonijiet.<br><br>Is-subsetturi l-oħrajn kollha: Bla restrizzjonijiet, ħlief għal kif indikat fit-Taqsima orizzontali.<br><br>MT:<br><br>Subsettur B.1., B.2. u B.11. (aċċettazzjoni ta' depożiti, self ta' kull xorta, u forniment u trasferiment ta' tagħrif finanzjarju): Bla restrizzjonijiet, ħlief għal kif indikat fit-Taqsima orizzontali.<br><br>Subsetturi B.3. sa B.10. u B.12.: Bla restrizzjonijiet.<br><br>PL:<br><br>Subsettur B.1., B.2., B.4. u B.5. (minbarra garanziji u impenji tat-Teżor Statali): Bla restrizzjonijiet ħlief kif indikat fit-Taqsima orizzontali u soġġett għal-limitazzjoni li ġejja: Rekwiżit taċ-ċittadinanza għal uħud – tal-anqas wieħed – mill-eżekuttivi tal-bank.<br><br>Subsetturi B.6. (e), B.7. (eskluża l-parteċipazzjoni f'ħarġiet ta' karti tat-Teżor), B.9. (servizzi ta' mmaniġġjar tal-portafoll biss), B.11. u B.12. (Servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra biss fir-rigward ta' attivitajiet impenjati fil-Polonja): Bla restrizzjonijiet ħlief kif indikat fit-Taqsima orizzontali<br><br>Is-subsetturi l-oħrajn kollha: Bla restrizzjonijiet. |

| | | |
|---|---|---|
| | | SK:<br><br>Negozjar ta' prodotti derivattivi u ta' buljon, senserija tal-flus, u intermedjazzjoni: Bla restrizzjonijiet.<br><br>Is-sottosetturi l-oħrajn kollha: Bla restrizzjonijiet, ħlief għal kif indikat fit-Taqsima orizzontali.<br><br>SI:<br><br>Parteċipazzjoni fil-ħruġ tal-bonds tat-Teżor, l-immaniġġjar tal-fondi tal-pensjonijiet u servizzi ta' konsulenza relatati kif ukoll servizzi finanzjarji awżiljari oħra: Bla restrizzjonijiet.<br><br>Is-subsetturi l-oħrajn kollha: Bla restrizzjonijiet, ħlief għal kif indikat fit-Taqsima orizzontali.<br><br>AT, BE, BG, DE, DK, ES, EE, FR, FI, EL, HR, HU, IT, IE, LU, LT, LV, NL, PT, RO, SE, UK:<br><br>Bla restrizzjonijiet ħlief kif indikat fit-taqsimiet orizzontali rispettivi u soġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin:<br><br>BG: Bla restrizzjonijiet għall-garanziji tat-Teżor tal-Istat. Bla restrizzjonijiet għan-negozjar proprju jew għal klijent ta' strumenti u assi finanzjarji negozjabbli għajr titoli trasferibbli. Bla restrizzjonijiet għal parteċipazzjoni fi ħruġ ta' bonds tat-Teżor. Bla restrizzjonijiet għas-senserija tal-flus. Bla restrizzjonijiet għall-immaniġġjar ta' fondi tal-pensjonijiet. Bla restrizzjonijiet għas-servizzi ta' saldu u kklerjar ta' assi finanzjarji. Bla restrizzjonijiet għall-intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra<br><br>HR: Il-bord tal-maniġment għandu jidderieġi n-negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu mit-territorju tal-Kroazja. Mill-inqas membru wieħed tal-bord tal-maniġment irid ikun jaf jitkellem sew bil-lingwa Kroata. L-operazzjonijiet ta' istituzzjoni tal-flus elettroniċi għandhom isiru mit-territorju tal-Kroazja. Uffiċċji tal-kambju awtorizzati għandhom ikunu mmexxijja minn kwalunkwe resident bi status ta' persuna ġuridika u kwalunkwe intrapriża individwali bl-użu ta' programmi tal-kompjuter protetti fil-ħidma tagħhom għal tranżazzjonijiet tal-kambju li għandhom ftehim ma' bank u huma awtorizzati li jwettqu tranżazzjonijiet tal-kambju.<br><br>FR: Sociétés d'investissement à capital fixe: kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-president tal-Bord tad-Diretturi, għad-Diretturi Ġenerali u xejn anqas minn żewġ terzi tal-amministraturi, kif ukoll, meta d-ditta tat-titoli jkollha Bord jew Kunsill Superviżorju, għal membri ta' tali bord jew id-Direttur Ġenerali tiegħu, u xejn anqas minn żewġ terzi tal-membri tal-Kunsill Superviżorju<br><br>EL: Istituzzjonijiet tal-kreditu għandhom jinnominaw mill-anqas żewġ persuni li huma responsabbli mill-operazzjonijiet tal-istituzzjoni. Għal dawn il-persuni tapplika l-kundizzjoni tar-residenza.<br><br>IT: Kundizzjoni tar-residenza fit-territorju ta' Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej għall-'promotori di servizi finanziari' (bejjiegħa finanzjarji).<br><br>LV: Maniġer ta' fergħa jew ta' sussidjarja għandu jkun persuna li jħallas it-taxxa fil-Latvja (resident).<br><br>RO: Bla restrizzjonijiet għal-lokazzjoni finanzjarja. Bla restrizzjonijiet għan-negozjar proprju jew għal klijent ta' strumenti u assi finanzjarji negozjabbli għajr titoli trasferibbli. |

(1) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

(2) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal- impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

(3) CZ: Legiżlazzjoni li tkopri t-tneħħija tal-kriterju tar-rekwiżiti tas-suq finanzjarju qiegħda tiġi diskussa bħalissa fil-Parlament.

(4) Minbarra l-ammont tal-kapital il-Bank tas-Slovenja għandu, meta jqis l-għoti ta' liċenzja bankarja mhux limitata jew limitata jqis ukoll il-linji ta' gwida li ġejjin (kemm għal applikanti domestiċi kif ukoll għal applikanti barranin):
— il-preferenzi ekonomiċi nazzjonali għal ċerti attivitajiet bankarji;
— il-kopertura reġjonali attwali tar-Repubblika tas-Slovenja mill-banek;
— il-prestazzjoni attwali tal-bank ta' attivitajiet imqabbla ma' dawk stipulati mil-liċenzja eżistenti.
(Rimarka: din id-dispożizzjoni għandha tiġi abolita kif tiġi adottata l-Liġi ġdida dwar l-Operat Bankarju.)

*ANNESS II*

*"ANNESS II*

AWTORITAJIET RESPONSABBLI GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI

PARTI A

Għall-Komunità u l-Istati Membri tagħha

| | | |
|---|---|---|
| Il-Kummissjoni Ewropea | DG Trade<br>DG Internal Market | B-1049 Bruxelles |
| L-Awstrija | Ministry of Finance | Directorate Economic Policy and Financial Markets<br>Himmelpfortgasse 4-8<br>Postfach 2<br>A-1015 Wien |
| Il-Belġju | Ministry of Economy<br>Ministry of Finance | Rue de Bréderode 7<br>B-1000 Bruxelles<br>Rue de la Loi 12<br>B-1000 Bruxelles |
| Il-Bulgarija | Ministry of Economy and Energy<br>Ministry of Finance<br>Bulgarian National Bank<br>Financial Supervision Commission | Slavyanska str. 8<br>Sofia 1052<br>G.S.Rakovski str.102<br>Sofia 1000<br>Al.Batenberg sq.1<br>Sofia 1000<br>33, Shar Planina Street<br>Sofia 1303 |
| Il-Kroazja | Ministry of Finance | Katanciceva 5<br>10000 Zagreb |
| Ċipru | Ministry of Finance | CY-1439 Nicosia |
| Ir-Repubblika Ċeka | Ministry of Finance | Letenská 15<br>CZ-118 10 Prague |
| Id-Danimarka | Ministry of Economic Affairs | Ved Stranden 8<br>DK-1061 Copenhagen K |
| L-Estonja | Ministry of Finance | Suur-Ameerika 1<br>EE-15006 Tallinn |
| Il-Finlandja | Ministry of Finance | PO Box 28<br>FIN-00023 Helsinki |
| Franza | Ministry of Economy, Finance and Industry | Ministère de l'Economie, des Finances et de l'Industrie<br>139, rue de Bercy<br>F-75572 Paris |
| Il-Ġermanja | Ministry of Finance | Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht<br>Graurheindorfer Str. 108<br>D-53117 Bonn |

| | | |
|---|---|---|
| Il-Greċja | Bank of Greece | Panepistimiou Street, 21<br>GR-10563 Athens |
| L-Ungerija | Ministry of Finance | Pénzügyminisztérium<br>Postafiók 481<br>HU-1369 Budapest |
| L-Irlanda | Irish Financial Services Regulatory Authority | PO Box 9138<br>College Green<br>IRL-Dublin 2 |
| L-Italja | Ministry of Treasury | Ministero del Tesoro<br>Via XX Settembre 97<br>I-00187 Roma |
| Il-Latvja | Financial and Capital Market Commission | Kungu Street 1<br>LV-1050 Riga |
| Il-Litwanja | Ministry of Finance | Vaizganto 8a/2,<br>LT-01512 Vilnius |
| Il-Lussemburgu | Ministry of Finance | Ministère des Finances<br>3, rue de la Congrégation<br>L-2931 Lussemburgu |
| Malta | Financial Services Authority | Notabile Road<br>MT-Attard |
| In-Netherlands | Ministry of Finance | Financial Markets Policy Directorate<br>Postbus 20201<br>NL-2500 EE Den Haag |
| Il-Polonja | Ministry of Finance | 12 Świętokrzyska Street<br>PL-00-916 Warsaw |
| Il-Portugall | Ministry of Finance | Direcção Geral dos Assuntos Europeus e Relações Internacionais<br>Av. Infante D. Henrique, 1C-1º<br>P-1100-278 Lisboa |
| Ir-Rumanija | National Bank of Romania<br>Romanian National Securities Commission | 25 Lipscani Str, sector 3<br>Bucharest, code 030031<br>(2 Foisorului Street, Bucharest, sector 3 |
| | Insurance Supervisory Commission | 18th, Amiral Constantin Balescu Street, Sector 1, Bucharest Code 011954 |
| | Private pension system supervisory Commission | 74 Splaiul Unirii, sector 4,<br>Bucharest, code 030128 |
| Ir-repubblika Slovakka | Ministry of Finance | Stefanovicova 5<br>SK-817 82 Bratislava |
| Is-Slovenja | Ministry of Economy | Kotnikova 5<br>SI-1000 Ljubljana |

| | | |
|---|---|---|
| Spanja | Treasury | Directora General del Tesoro y Politica Financiera<br>Paseo del Prado 6-6a Planta<br>E-28071 Madrid |
| L-Iżvezja | Financial Supervisory Authority | Box 6750<br>S-113 85 Stockholm |
| | Swedish Central Bank | Malmskillnadsgatan 7<br>S-103 37 Stockholm |
| | Swedish Consumer Agency | Rosenlundsgatan 9<br>S-118 87 Stockholm |
| Ir-Renju Unit | H. M. Treasury | 1 Horse Guards Road<br>UK-London SW1 A 2HQ |

PARTI B

Għall-Messiku, is-Secretaria de Hacienda y Credito Publico

| | | |
|---|---|---|
| Mexico | Unidad de Banca, Valores y Ahorro | Insurgentes Sur 1971, Colonia Guadalupe Inn, Deleg. Álvaro Obregón, C.P, 01020México, D.F. |
| | Unidad de Seguros, Pensiones y Seguridad Social | Insurgentes Sur 1971, Colonia Guadalupe Inn, Deleg. Álvaro Obregón, C.P, 01020México, D.F.” |